Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 229 / 2018

Il-Pulizja

Vs

Luciano Mirabitur

Illum 16 ta' Mejju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Luciano Mirabitur detentur tal-karta tal-identita Maltija 357176M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-31 ta' Marzu, 2017 ghall-habta ta' 16.45hrs fl-inhawi ta' Fomm ir-Rih u f' dawn il-Gzejjer;

1. Waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew prova jiehu b' xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18 (1)(c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha jew prova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-

Regolament 4 (1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uza xi gass, jew apparat elettriku jew elettroniku, u cioe tisfir irrekordjat minn qabel tal-ghasafar u dan bi ksur tar-Regolament 7(1)(d) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew prova jikkaccja, ha jew prova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1)(i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed jonsob, kellu fil-pussess tieghu bird caller u dan bi ksur tar-Regolament 7 (2) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkonfoffa jew ittanta, ghin, hajjar, ta' pariri jew flus lil xi haddiehor biex jikser xi disposizzjonijiet bhal dawk, jew kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur tar-Regolament 27 (1)(d) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f' lok pubbliku, libes maskra jew biddel is-sura tieghu, barra minn fiz-zmien u bil-mod li tippermetti l-Ligi u dan bi ksur tal-artikolu 338(n) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li barra li taghti l-piena that ir-regolament 27 ta' l-A. L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna s-sopsensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga that ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L.79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-2 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4 (l)(a), 7(1)(d), 7(l)(i), 7(2), 18(l)(c) u 27(l)(d) tal-A. L. 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti iddikjarat li s-seba' akkuza hija preskritta;

Il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel sitt akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu b' multa ta' elf u sitt mitt euro (€1600) u kif ukoll ordnat s-sospensjoni tal-licenzji ghal tlett snin.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Luciano Mirabitur, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Mejju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja u tibdel is-sentenza appellatta, b' dan li: filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat is-seba' (7) imputazzjoni bhala preskritta; tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-esponenti hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' , il-hames u s-sitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tiddikjarah mhux hati ta' dawn l-imputazzjonijiet u tilliberah minnhom; u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, illi tvajra u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb l-esponenti sejjer jaqsam l-aggravji tieghu billi fl-ewwel lok, jqajjem eccezzjoni dwar l-istqarrija tal-imputat u jitlob l-isfilz taghha. Fit-tieni lok, l-esponenti sejjer juri kif fl-umili femha tieghu l-filmat li esebiet Fiona Burrows ma huwiex ammissibli, u ma ghandux jittiehed in konsiderazzjoni sabiex tinstab htija. Fit-tielet lok, l-esponenti sejjer juri, kif minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, in ogni casa, la minn tali filmat u lanqas mix-xiehda ta' Fiona

Burrows ma jirrizultaw pruvati l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti. Fir-raba' lok, u strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu l-esponenti sejjer iressaq aggravju dwar il-piena, in kwantu l-piena kellha tkun aktar miti.

**1) ECCEZZJONI DWAR L-ISTQARRIJA TAL-IMPUTAT**

Illi l-esponenti umilment jissottometti illi l-istqarrija tieghu li tinsab inserita fil-process ghandha tigi dikjarata inammissibli ghaliex meta tali stqarrija giet rilaxxata l-akkuzat ma kellux dritt li l-avukat tieghu jkun prezenti u jippartecipa b' mod effettiv fl-interrogazzjoni.

Illi din l-eccezzjoni qeghda tingieb il quddiem fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-decizzjonijiet tal-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-Qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta' l-akkuzat jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma jkunx moghti d-dritt li jkun assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu. Din l-eccezzjoni qed issir ukoll fid-dawl ta' dak li jiddisponu inter alia l-artikoli 355 AT u 355 AUA tal-Kodici Kriminali u l-Avviz Legali 102 tal-2017 liema artikoli rrendew applikabbli d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013. B' mod specjali issir referenza ghall-artikolu 355 AUA(8)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipola li:

> *"il-persuna suspettata jew akkuzata ghandu jkollha d-dritt li l-avukat taghha jkun prezenti u jippartecipa b' mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-partecipazzjoni tista' tigi regolata skont proceduri li l-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk izda li dawk il-proceduri ma jippregudikawx l-ezercizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt koncernat."*

Illi dawn is-sottomissjonijiet li qed jaghmel l-esponenti isibu l-konfort mhux biss fil-ligi supra citata, izda wkoll fis-sentenzi li inghataw ricentament mill-Qorti Kriminali u mill-Qrati Civili fejn filwaqt li ghamlu referenza ghall-gurisprudenza u l-izviluppi ricenti fid-decizzjonijiet tal-ECHR iddikjaraw car u tond li stqarrija li tkun inghatat

minn persuna suspettata u/jew arrestata minghajr id-dritt li l-avukat taghha jkun prezenti u jippartetipa b' mod effettiv fl-interrogazzjoni hija inammissibli.

**2) AGGRAVJU DWAR IL.-FILMAT ESEBIT MINN FIONA BURROWS**

Illi fil-kaz odjern l-provi tal-prosekuzzjoni huma primarjament filmat li allegatament ittiehed minn Fiona Burrows u t-testimonjanza ta' Fiona Burrows. Jinghad bid-dovut rispett illi l-filmat Ii esebiet Fiona Burrows ma ghandux jkun ammissibli sabiex tigi determinata l-htija in kwantu tali filmat ma jikkonsistix f' filmat shih u kontinwu, izda semplicement diversi filmati qosra hafna.

Skond l-istess allegazzjonijiet ta' Burrows dan l-incident kollu sehh f'madwar 30 minuta. Kwindi l-inqas li setghet taghmel Burrows kien li tipprezenta in atti filmat kontinwu ghal minimu ta' 30 minuta. Minflok ma hija ghamlet dan, pero, l-filmat li esebiet jikkonsisti f' diversi filmati maqtughin b' mod li ma tistax tigi determinata l-kontinwità ta' dak li kien qed isehh.

Dan ukoll ghaliex bejn l-filmat inizjaIi li juri li zewgt individwi fuq il-mansab jigbru x-xbiek b' wicchom mghammad, u il-filmat sussegwenti li juri tlieta minn nies mexjin fl-gheiieqi ma hemmx l-link dirett. Anzi ma jirrizultax mill-filmat successivi minn fejn kienu gejjin dawn it-tlett individwi li jidru semplicement mexjin fl-ghelieqi u fejn ma jidher li qed jaghmlu l-ebda attività illegali kwalsiasi. Jinghad bid-dovut rispett illi l-vojt bejn l-ewwel filmati u l-filmati sussegwenti ma jistax jintela bis-suspetti jew supposizzjonijiet.

Burrows tallega li hija kienet qed ssegwi kollox mill-bidu. L-esperjenza tal-hajja tiddetta pero li jekk veru kienet qed issegwi kollox, tenut kont ukoll tal-fatt li kellha f' idejha video camera, hija kellha tirrekordja kollox mill-bidu sal-ahhar sabiex ikun hemm il-kontinwità, mhux tiehu filmati spezzettati. La ma sarx dan, dan jistax jfisser jew li lanqas Burrows ma kienet qed issegwi l-individwi koncernati l-hin kollu (u allura ma tista' tixhed dwar il-kontinwita tal-prova hi stess), jew altrimenti jekk

kienet qed issegwihom allura fin-nuqqas ta' filmat kontinwu, ifisser li ma gewx osservati r-regoli tal-best evidence rule u l-kontinwità tal-evidenza.

Konsegwentament, tali filmat ghandu jigi dikjarat inammissibli u verdett ta' htija a bazi ta' tali filmat ikun bir-rispett jammonta ghall-verdett unsafe and unsatisfactory.

**3) LA MILL-FILMAT U LANQAS MIX-XIEHDA TA' FIONA BURROWS MA JIRRIZULTAW PRUVATI L-IMPUTAZZJONIJIET DEDOTTI KONTRA L-ESPONENTI**

L-esponenti umilment jissottometti illi strettament minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju dwar l-inammissibilità tal-filmat esebit minn Burrows, xorta wahda ma jirrizultawx pruvati l-imputazzjonijiet dedotti kontra tal-esponenti.

Jekk wiehed jikkonsidra l-provi tal-prosekuzzjoni ghandu jirrizulta (anke mill-investigations report esebit) li r-rapport sar u Burrows cemplet lill-pulizija minhabba li allegatament kienu raw "*an active trapping site for finches in the Fomm ir-Rih valley*".

Fl-ebda hin ma jinghad li Burrows rat xi attività ta' nsib kwalsiasi.

Burrows tghid biss li hija rat mansab armat, kif ukoll li mbaghad, wara ftit minuti, rat lil zewgt individwi jigbru x-xbiek. Burrows pero ma rat l-ebda insib. Infatti hija ma tghidx li hija rat lil xi hadd fuq il-mansab hdejn ix-xbiek lest biex jaqleb ix-xbiek il-mument li jinzel ghasfur fuq l-istess xbiek. Anzi fuq il-mansab hija rat ma rat l-ebda persuna kwalsiasi, u l-unika darba li hija rat persuna/i fuq barra kien meta dawn gabru l-istess xbiek.

B' kull dvout rispett pero' ma jistax jinghad li ghax persuna tigbor xbiek minn mansab allura tali persuna ghandha tinstab hatja ta' nsib illegali.

In oltre, huwa fatt maghruf li biex wiehed ikun jista' jonsob irid ikun fil-post ghassa u jistenna sabiex meta jaslu l-ghasafar jkunu jistghu jinqabdu fix-xbiek. Burrows pero

ma rat lil hadd barra hdejn ix-xbiek, u xhin rat lil xi hadd dan kien jew qieghed jigbor il-gabjetti jew inkella jigbor ix-xbiek.

L-esponenti ghalhekk umilment jissottometti illi ma tezisti l-ebda prova sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni ta' insib skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Jigi ribadit bir-rispett illi anke jekk wiehed ikollu ghall-grazzja tal-argument jaccetta l-fatt li kien hemm mansab armat fi stagun maghluq, dan il-fatt wahdu ma jfissirx allura li l-esponenti ghandu awtomatikament jinstab hati ta' insib fi stagun maghluq. Fir-rigward ta' mansab armat fi stagun maghluq, fin-nuqqas ta' prova li kien hemm persuna li kienet qed tonsob, tezisti akkuza ad hoc taht il-L.S. 549.93, izda mhux l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-esponenti.

Rigward imbaghad l-akkuza tal-bird caller, ghalkemm il-filmat huwa wiehed audio viziv, mill-istess filmat ma jinstema l-ebda bird caller.

Lanqas ma jirrizultaw l-elementi materjali ndikati fis-sitt imputazzjoni in kwantu ma hemm l-ebda prova zghira kemm hi zghira li l-esponenti b' xi mod hajjar jew ittanta lil xi hadd biex jikser xi wahda mir-regolamenti in kwistjoni. Is-semplici fatt li fuq sit ikollok izjed minn persuna wahda ma jfissirx li allura jezistu l-elementi tar-reat indikat fis-sitt imputazzjoni.

Rigward imbaghad l-identifikazzjoni tal-persuni li Burrows rat fl-incident, jigi rilevat li mill-filmat stess ma jistax jinghad li hemm xi identifikazzjoni pozittiva ta' xi wiehed mit-tlett individwi fil-post qrib il-mansab mal-esponenti. Kwindi, filwaqt li l-esponenti jirrileva li anke jekk wiehed ikollu jikkunsidra l-filmat, xorta wahda ma tirrizultax l-ebda attività iliegali kif deskritta fl-imputazzjonijiet mertu tal-kaz, jirrileva wkoli illi apparti minn hekk, xorta wahda tonqos l-identifikazzjoni pozittiva mal-esponenti. Dan ghaliex filwaqt li z-zewgt individwi li jidru jigbru x-xbiek ghandhom wicchom mghammad u allura hemm l-impossibilità ta' identifikazzjoni, t-tielet persuna li jidher fil-kamra ukoll wiccu ma jintgharafx minhabba li wiccu huwa mghotti bi tromba li kien qed juza.

B' referenza mbaghad ghall-filmati l-ohra fejn jidru 3 individwi m' humiex mghammda mexjin gol-ghelieqi, ghandu jigi ribadit is-segwenti:

- Ghalkemm wicchom m' huwiex mghammad xorta wahda hemm dubji dwar l-identifikazzjoni taghhom;
- Irrispettivament mill-fatt jekk tali individwi humiex rikonoxxibli jew le, dawn l-individwi ma jidru li qed jaghmlu xejn illegali u zgur mhux qed jonsbu skond kif qed jigi allegat fl-imputazzjonijiet;
- Minhabba in-nuqqas ta' kontinwita tal-filmat imsemmi fl-aggravju precedenti, ma hemmx ness bejn l-ewwel ftit filmati u l-bqija tal-filmati, u kwindi ma hemmx konferma minghajr dubju dettat mir-raguni li dawk it-tlett individwi mexjin fl-ghelieqi huma l-istess tlett individwi li wicchom ma jintgharafx li jidru fil-filmati precedenti;
- Di piu bil-mod li bih gie spezzettat il-filmat ma hemmx serhan il-mohh li l-filmati ittiehdu kollha fl-istess incident.

Konsegwentament, jigi sottomess bir-rispett li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq il-prova sal-grad rikjest mill-ligi li l-esponenti kien xi wiehed mit-tlett individwi li kellhom x' jaqsmu mal-incident kif rapportat minn Burrows.

**4) AGGRAVJU DWAR PIENA**

Illi strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu l-esponenti umilment jissottometti illi suboridinatament, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-esponenti u tikkonferma l-htiJa, l-piena fil-kaz in kwistjoni ghandha tkun wahda iktar miti skond ic-cirkostanzi tal-kaz, b' dan ti tkun tqarreb iktar lejn il-minimu tal-piena kontemplat fil-ligi.

Ikkunsidrat;

Illi quddiem l-Ewwel Qorti gie prezentat dokument intitolat '*NPS - PCR Person Details*' bid-dettalji tal-appellant, dikjarazzjoni ta' rifjut li jikkonsulta Avukut jew Prokuratur Legali u stqarrija rilaxxata mill-appellant. Giet prezentata ukoll fedina penali u certifikat tat-twelid tal-appellant.

Gie prezentat ukoll CD a fol 14 b'sebgha (7) filmati u rapport.

Fis-seduta tal-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) quddiem l-Ewwel Qorti xehdu l-Ispettur Colin Sheldon u Fiona Burrows fejn mill-verbal jirrizulta li esebiet dokument u filmat.[1] Ix-xhieda ta' dawn iz-zewg xhieda mhijiex traskritta u ghalhekk dawn kellhom jergghu jixhdu quddiem din il-Qorti.

Fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni.

Fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) quddiem din il-Qorti xehed l-**Ispettur Colin Sheldon**. Huwa xehed li kien l-Ispettur stazzjonat l-Administrative Law Enforcement Unit fejn ircieva rapport minn naha tal-Cabs li fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien hemm xi nsib illegali fl-akwati ta' Fomm ir-Rih. Dan ir-rapport kien fil-hamsa neqsin kwart (4:45) fejn kien hemm nies tal-Cabs li individwaw trapping site. Huwa qatt ma mar fuq il-post izda spjega li n-nies tieghu kellhom jiltaqghu ma' tal-Cabs imma kienu cemplulhom tal-Cabs stess li n-nies kienu lehqu telqu minn fuq il-post sakemm wasslu n-nies tieghu. Minn dak li qalulu l-Cabs gew identifikati zewg vetturi, wahda bin-nmru GBL 024 u ohra bin-numru LNC 617. Il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCN 617 irrizulta li tghajjat lil Luciano Mirabitur li hija Opel Corsa ta' kulur abjad u hija rregistrata fuq ismu. Filwaqt li l-vettura l-ohra tghajjat lil Anthony Attard li hija Toyota Vitz ta' kulur blu. Fil-vettura GBL 024, kien hemm persuna iehor ma Anthony Attard. Ikkonferma li z-zewg vetturi kienu jghajjtu lil Mirabitur u lil Attard u li t-tielet persuna kienet Carmel Xerri. Huwa spjega li '*aħna l-Welber*

[1] Din il-Qorti qieghda tifhem li d-dokument huwa r-rapport tal-CABS esebiet fil-process tal-kawza kontra Carmel Xuereb filwaqt li l-filmat huwa c-CD.

*circulation unit jipprovdulna is-sistema ta' tablets bil-GPS trapping sites u s-site in kwistjoni kienet qegħda tgħajjat lil Carmel Xerri li kien it-tielet persuna.*' Wasal ghal din il-konkluzjoni ghax sab ir-registration tieghu fuq dik it-trapping site. Lil Carmel Xerri ma kienx jafu izda baghat ghalih ghal statement. Huwa kkonferma li bghat ghat-tlieta li huma ghal satement, inkluz lil Luciano Mirabitur li hadlu statement datata t-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017). Fl-istess gurnata kien kellem ukoll lil Anthony Attard. Ikkonferma li kien ha statement ta' Xerri. Anthony Attard irrisponda ghal mistoqsijiet kollha u Xerri ma rrispondiex. Spjega li d-dokumenti qeghdin prezentati fl-atti, kien prezenta c-certifikati tat-twelid tat-tlieta li huma u 'CR'.

It-telefonata rcieviha fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-lokalita' ta' Fomm ir-Rih. Huwa gharaf it-tlett (3) imputati fl-awla. Xehed li nghataw id-drittijiet kollha, li nghatatilhom l-ittra tad-drittijiet u ffirmaw il-waiver li ma riedux assistenza legali. Huwa kkonferma dawn id-dokumenti. Mistoqsi jekk il-Cabs tawh tlett filmati, wiegeb li tawh DVD wiehed li kien fih aktar minn tlett (3) filmati fuqu. Mistoqsi mill-Qorti '*U dan ġie esebit fil-kawża ta*' *Luciano Mirabitur. Fil-kawżi l-oħra xi tgħidli?*' wiegeb li '*Kienu mressqin it-tlieta f'daqqa u kien l-istess filmat jiġifieri.*' Il-filmat ircievieh id-dipartiment tal-ALE fl-ufficju tieghu ghax il-Cabs ipprezetaw ir-rapport in script jigifieri bil-miktub u pprezentawlu DVD bil-filmati. Ir-rapport ircievih aktar tard mill-hamsa neqsin kwart fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017). Il-Cabs kienu għadhom fuq il-post dak il-hin u kkuntatjawh aktar tard fl-istess gurnata. A tempo vergine hadd ma kkuntatjah mill-Cabs. Eventwalment baghtulu r-rapport bil-miktub u baghtulu d-DVD ukoll. Xehed li ma kinitx Fiona Barrows li giet bir-rapport izda xi hadd mill-Cabs u gew ssigillati u inghataw lilu personalment. In-numri tal-vetturi li hu semma huma numri li tawh tal-Cabs li qeghdin imnizzlin fir-rapport tal-Cabs.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti gie vverbalizzat li Dr Mercieca ghall-ewwel aggravju tad-difiza, in vista tas-sentenza mghotija mill-Qrati nostrana irrimetta ruhu dwar l-istarrija tal-appellant.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti xehdet **Fiona Burrows** fejn bil-lingwa Ingliza spjegat li fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) hi u zewg voluntiera ohra kienu Fomm ir-Rih ifittxu '*illegal trapping sites*' peress li f'dak iz-zmien tas-sena kull tip ta' insib huwa illegali. Spjegat li '*At 4.45pm I noticed that there was an active trapping site for finches. There were nets set up and there were also cage decoys and electronic callers for finches were heard ...*' Spjegat li '*it is not allowed in Spring at all to trap finches.*' Spjegat li '*The only time that finches used to be allowed to be trapped was in Autum, but now from last year it became illegal in Autumn aswell.*' Spjegat li '*I saw it was an active site and the cage decoys were out on the trap next to the nets and also electronic callers for finches was coming from that site.*' Spjegat li '*The sound of the callers are very loud, it is a very artificial sound. It is a constant calling of a bird which is very unnatural for a wild bird to make that sound.*' Qalet li '*that was the directions that callers wwere heard from ... from the trapping site.*' Spjegat li wara li rat dan kollu, hadet video, cemplet l-ALE u irraportathom. Mistoqsija kif hadet '*video evidence*' wiegbet '*I have a hand hold video camera which has a 90 times zoom, so I was able to film the site from a distance.*' Mistoqsi '*So what type of day was the 31st of March 2019?*' senjatament dwar 4:45pm wiegbet li ma kinitx xita, il-vizabilita' kienet perfetta qalet li '*I was only within a distance of about 300 meters maybe a little more and with the zoom on the video camera is very easy to identify people.*' Cemplet l-ALE u irraportat it-trapping site u qablu li jigu jiltaqghu maghhom. Hi kompliet tiehu l-filmat filwaqt li qalet liz-zewg voluntiera sabiex imorru fil-meeting point biex ALE ikunu jistghu isibuhom aktar facli peress li jistghu ma jirnexxilhomx isibu l-post ezatt.

Hija xehdet li z-zewg voluntiera l-ohra kienu Victoria Bailey u Mariana Leenders. Huma marru biex jiltaqghu ma tal-ALE u hi kompliet tiehu l-filmat. Spjegat li '*Just after 5. 00pm, somebody exited the trapping site and went on the trapping site and began removing the cage decoys of finches and this person was this one on the right. He began removing the cage decoys.*' Hi identifikat l-persuna bhala Carmel Xerri. Qalet li '*At that point in time he had a cloth wrapped round his face, but later I could identify which I will explain. So at that point he went to remove the cage decoys from the trapping site ...*' Spjegat li qabel ma rat lil Xerri imur inehhi l-cage decoys, rat li kienet '*active trapping site, the*

*strings were set up, the cage decoys were up at the trapping site, the wire was leading to the trapping hide ...*' Xerri kien qieghed jigbor il-'*cage decoys, all of the cage decoys took them back into the hide*'. Spjegat li Xerri kien liebes bicca bajda madwar wiccu. Kien qieghed jghatti wiccu f'dak il-punt. Umbghad wara ftit minuti it-tieni persuna harget bit-'*trapping hide*' u kellu maskla fuq wiccu ta' skeletru. Hi irreferiet ghal Luciano Mirabitur. Spjegat li '*he began to remove the nets from the trapping site with the ... they both began taking the nets. So they took off the nets and took them inside the trapping hide ...*' Dan sehh kollu waqt li hi bdiet tiehu l-filmat. Ma tiftakarx x'kien liebes izda tiftakar il-maskla tal-iskeletru. Spjegat li '*they took the nets inside and seemed to leave the nets inside the trapping hide. After a few minutes I noticed that there was a third man that was watching me with binoculars from an adjacent trapping hide, it is this one the second one from the left with the glasses on. He was watching me with the binoculars.*' Irreferiet ghal Anthony bin-nuccali bhala l-persuna li kien qieghed ihares lejha. Tghid li dan huwa kollu rikordjat fuq il-video. Wara ftit minuti, it-tlett (3) persuni telqu mit-trapping hide, u z-zewg persuni li qabel kellhom wicchom mghotti, issa ma baqax mghotti ghalhekk issa setghet facilment tidentifikahom. Telqu mit-trapping hide u ma hadu xejn maghhom ghalhekk hallew kollox fil-mohba. Meta kienu qeghdin inehhu l-affarijiet mit-trapping site huma kienu b'maskla. Kienet qieghda tara l-hwejjeg li kienu libsin. Meta kienu libsin il-'*face coverings*' kienu libsin l-istess hwejjeg bhal meta telqu b'wicchom mhux mghotti. Spjegat li '*it was the exact same clothes and the height and the built of the people aswell.*' Qalet li '*it was a completely clear view.*' Spjegat li wara ftit minuti it-tlett (3) persuna telqu b'wicchom mikxuf u setghet tidentifikahom kjarament. Hadet video ta' wicchom ukoll. Telqu jimxu mill-ghelieqi lejn it-triq ghalhekk f'dak il-mument iddeciediet li twaqqaf il-video u tiprova thares lejn it-triq biex tiehu n-numri ta' registrazzjoni tal-vetturi peress li assumiet li kellhom il-vetturi parkeggati. Xehdet li ghandha d-dettalji tan-numri ta' registrazzjoni tal-vetturi peress li ma tistax tiftakar bl-amment. In-numri ta' registrazzjni tal-vettura kien LCN617 fejn kien hemm persuna wahda biss li kien Luciano. Hu telaq l-ewwel u ftit minuti wara kien hemm vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni GBL 024 u l-persuna bin-nuccali kien qieghed isuq u l-persuna fuq il-lemin kien il-passigier. L-istess tlett persuni harbu minn fuq il-post. Kienu libsin l-istess hwejjeg ta' meta rathom jonsbu. Carmel Xerri kien liebes '*camouflage coat, dark trousers and a camouflage cap.*' Luciano

kien liebes '*blue jumper or a blue hoodiet something like that and a balaklava or a dark hood underneath.*' Il-persuna tan-nofs kien liebes iswed. Hi kkonfermat li kienu l-istess nies li kienu fuq is-sit. Spjegat li '*So at that point the three men had left and the trapping site has been dismantled so I phoned the ALE to explain and said that probably there is no point you coming as they have already left and I have taken a video, so they decided to cancel that patrol to visit.*'

Dwar il-filmat spjegat li '*was not in one clip, it was cut into clips to make it more relevant and to show ... rather then having a long ... many many minutes of the hide ... just filming the hide with nobody walking around...*' Hi waslet fil-hamsa neqsin kwart (4:45) u ghamlet hemm sa xi l-hamsa u nofs (5:30) sakemm telqu. Tghid li hemm madwar hames (5) jew sitt (6) clips tal-filmat ta' madwar 5 minuti kull wahda xi kultant itwal, jiddependi.

Qatt ma rat lil dawn l-irgiel qabel f'hajjietha, kienet l-ewwel darba. Kienet madwar tlett mija u hamsin (350) metri ilboghod mit-trapping site meta hadet il-filmat. Mistoqsi '*From what you saw on the day, what were the three men doing there?*' wiegbet '*it was obviously set up for activity finches trapping.*' Kienu qeghdin jippakjaw u li wisq probabli waslet kif kienu qeghdin jigbru kollox ghalhekk irnexxielha tiehu filmat taghhom jigbru l-affarijiet. Spjegat li '*when I arrived I could not see them because the hide is facing an angle away from were I was, but when they exited from the hide which is ibviously were the trapping equipment was leading to ...*' Mistoqsi jekk tahsibx li f'xi hin kienu jafu li kienet qieghda tiehu filmat, wiegbet '*It was not clear because as I said one of them was with the binoculars so I was not certain if they had seen me or not.*'

In kontro-ezami, qalet li tahdem ghal committee against birds slaughter li hija NGO. Qalet li li dan il-kumitat u l-*Bird Life of Malta* huma kompletament assocjazzjonijiet differenti izda jistghu jassistu lil xulxin. Ikkonfermat li kienet fuq is-sit biex tara hemmx '*illegal trapping sites*'. Spjegat li huwa xgholha li tirraporta u tigbor evidenza dwar insib illegali madwar Malta u Ghawdex. Hija impjegata mal-Cabs. Hi ma tmurx fit-trapping sites izda f'postijiet publici. Hija field officer, u tirraporta minn art pubblika. Ila taghmel dan ix-xoghol ghal madwar hames (5) snin. Ikkonfermat li

tibqa' fil-pathways. Saret referenza ghal fol 25 fil-process ta' Carmel Xerri u spejgat li l-'pin' hija fejn jinsab is-sit. Mistoqsi mill-Qorti biex tindika bl-ittra S fejn tahseb li kienet bil-wieqfa dak in-nhar, wiegbet li ma tistax tkun certa peress li l-mappa hija zoom. Hi ipparkat bl-ittra 'S' fejn tahseb li kienet. Taf id-distanza approsimattiva ghax hadet il-qies fuq google earth. Spjegat li '*With a naked eye it is not easy to identify the faces but with binoculars and video cameras it is easy to identify them.*' Mistoqsija jekk ikunx difficli li tara d-dettalji tas-sit b'ghajnejha wiegbet li '*You would see some details, you would see that it was a clear site without any zoom lense and you will be able to hear the electronic callers are coming from that place.*' Spjega li lil voluntiera '*I was showing them were the trapping site is to explain to them, then I immediately phoned the ALE and did some video footage not to waste any time.*' Hi kienet l-ewwel li innutat it-*trapping site* umbghad indikata lil voluntiera. It-*trapping site* kienet minghajr persuna ghal madwar hmistax (15)-il minuta umbghad rat persuna hierga, umbghad it-tieni persuna li gabru li kien hemm fuq is-sit u haduhom gewwa. Anthony Attard kien qieghed jhares bil-*binoculars*. Ma ratux fuq is-sit u umbghad telaq mal-persuni l-ohra. Dak tan-nuccali ma ratux fuq is-sit. Ma tiftakarx jekk kinitx hi li ghaddiet ir-rapport lil pulizija jew kienx il-voluntier li ghaddieh peress li aktar minn sena ilu. Ikkonfermat li ma haditx sehem f'*identification parade* u li ma marritx l-ghassa tal-pulizija jew l-ALE biex taghmel hekk. Hi ma kinitx identifikat il-persuna izda ikkonfermat li ghaddiet ir-rapport b'suspect 1, 2 u 3. Qalet dak huwa l-mod li jaghmluha peress li ma hemmx mod li tkun taf l-ismijiet tal-persuni. L-ewwel darba li identifikat lill-akkuzati kien meta rathom il-Qorti. Mistoqsija '*When you said that there was the wire leading to the net and you gave this specific details, would I be right in stating that you could not see them with the naked eye.*' wiegbet '*I could see them with binoculars.*' Qalet li qieghed fil-filmat. Ikkonfermat li hi prezentat il-filmat quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li kien DVD. Qalet li huwa l-handwriting taghha. Hi ghamlet vlegga fejn kienu pparkjati l-karozzi.

In ri-ezami ikkonfermat li c-CD kien anness mal-*Cabs report* taghha fl-istess envelop. Ma prezentat xejn quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghax ma kienx hemm bzonn peress li l-Pulizija kienu diga provduhom. Kienet provdiet CD u rapport wiehed lil Pulizija u qatt ma prezentat kopji zejda.

Ikkunsidrat;

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) Fiona Burrows impjegata mal-Committee Against Bird Slaughter (CABS) waqt li kienet qieghda gewwa Fomm ir-Rih ma' zewg voluntiera tfittex siti ta' insib illegali, fil-4:45pm innutat li kien hemm '*active trapping site for finches*'[2];

2. Fiona Burrows tiddeskrivi dak li rat fuq is-sit u cioe' '*it was an active trapping site, the strings were set up, the cage decoys were up at the trapping site, the wire was leading to the trapping hide*'[3]. Xehdet li kien hemm anke '*electronic callers for finches*'[4] li semghathom gejjien minn dak is-sit;

3. Fiona Burrows cemplet lil ALE u baghtet liz-zewg voluntiera biex jiltaqghu mal-ufficjali tal-ALE;

4. Fiona Burrows xehdet li kien hemm ragel umbghad iehor, it-tnejn wicchom mghammad, wiehed minnhom b'maskla li bdew jigbru x-xbieki u l-gabjetti;

5. Lemhet ukoll ragel ihares minn *binoculars*;

6. Illi t-tlett (3) irgiel din id-darba mhux wicchom mghammda telqu minn fuq is-sit u rathom mexjin qalb l-ghelieqi sakemm infirdu u tnejn rikbu go vettura u l-iehor riekeb gewwa vettura ohra;

7. Stante li l-irgiel kienu lehqu telqu, l-ALE ma marrux fuq is-sit.

[2] Xhieda moghtija minn Fiona Burrows fis-17 ta' Jannar, 2019
[3] Xhieda moghtija minn Fiona Burrows fis-17 ta' Jannar, 2019
[4] Xhieda moghtija minn Fiona Burrows fis-17 ta' Jannar, 2019

8. Luciano Maribitur u Anthony Abela kienu identifikati bhala l-persuni registrati fuq il-vetturi in kwistjoni filwaqt li Carmel Xerri gie identifikat bhala l-persuna registrata fuq is-sit;

9. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet kontra taghhom.

Illi fit-trattazzjoni orali tal-Avukat difensur, gie solevat il-fatt li ghalkemm il-provi fil-kawza kontra l-appellant Luciano Maribitur u l-appellanti l-ohra Carmel Xerri u Anthony Attard kienu qeghdin jinstemghu flimkien, ma hemm l-ebda verbal li jirrifletti dan u cioe' li l-provi kontenut fil-process ta' wiehed mill-akkuzati japplikaw ghall-akkuzati l-ohra u vice versa. L-Avukat Generali minn naha l-ohra ssottometta li ma hemm l-ebda aggravju dwar dan fl-appell tal-appellant. Il-fatt li l-kawzi kontra l-appellant Luciano Mirabitur, Carmel Xerri, Anthony Attard u kienu qieghdin jinstemghu flimkien huwa kkonfermat mill-Ispettur Colin Sheldon fejn fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti datata s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) meta mistoqsi mill-Qorti dwar id-DVD ossia '*U dan ġie esebit fil-kawża ta' Luciano Mirabitur. Fil-kawżi l-oħra xi tgħdli?*' wiegeb '*Kienu mressqin it-tlieta f'daqqa u kien l-istess filmat jiġifieri.*' Kien f'dak il-waqt li l-Avukat Generali iddikjara li '*jgħodd għall-proċessi kollha.*' filwaqt li l-Avukat tad-difiza irrispondiet '*Ma jgħoddx xejn filmat wieħed kien hemm le?*' Jirrizulta li r-rapport tal-CABS Committee Against Bird Slaughter ghalkemm prezentat a fol 25 et sequitur fil-process tal-kawza kontra Carmel Xerri, dan ma giex prezentat fil-process tal-appellant Luciano Mirabitur.

Id-difiza ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Vs Shaun Farrugia**'[5] fejn gie kkunsidrat:

*'Rat l-atti tal-kawa kif kompilati quddiem l-ewwel Qorti u minn esami ta l-istess jirrizulta li fit-2 ta Mejju 2018 l-prosekuzzjoni kient iddikjarat li ma kellhiex aktar xhieda xi tressaq wara li xehdet din l-istess Fiona Burrows. Fl-atti hemm inseriti zewg affidavits, wiehed rilaxxjat minn PC 1418 u l-iehor minn PS 1116 kif ukoll okkorrenza pero' minn imkien f'xi verbal tal-*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru, 2018 (Appell Numru: 217/2018)

*Qorti ma hemm referenza ghalihom u ghalhekk ma jirrizultax mill-atti li in effetti dawn it-tlett dokumenti gew prezentati fl-atti minkejja li jinsabu fil-process u ghalhekk din il-Qorti m'hix ser tiehu konsiderazzjoni taghhom u ser tibbaza il-gudizzju taghha fuq ix-xhieda moghtija minn Fiona Burrows biss.*'

Fil-kaz odjern izda jirrizulta li fil-verbal tas-seduta tal-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) quddiem l-Ewwel Qorti tnizzel '*Xehdet Fiona Burrows bl-ingliz u esebiet dokument u filmat;*' Din il-Qorti qieghda tifhem li dawn jirriferu ghac-CD u r-rapport imhejji minn Fiona Burrows.

Id-difiza ghamlet referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Michael Spiteri ta' 23 sena bin Raymond u Marisa nee' Cassar, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar it- 22/05/1987 residenti fil-fond St. Adeodata, Triq Marsilja, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta ta'l- identita' numru 21987(G)**'[6]. F'dik is-sentenza fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

'*Illi l-Qorti qabel xejn tixtieq taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:*

*1. Illi l-mobile phone elevat mill-imputat u li fuqu nstabu xi ritratti li jistghu jkunu inkriminanti qatt ma gie esebiet in atti. 2. Illi konsegwentement qatt ma gie nominat espert sabiex ihejji rapport dwar il-kontenut tal-istess u sabiex anke jnizzel filmat ta' xi video li l-prosekuzzjoni tikkontendi li hemm f'dana l-mobile phone fejn jidher l-imputat qed joqtol xi hamiem.*

*3. Illi ma tressaq l-ebda xhud mill-Awtorita ta' Trasport sabiex jikkonferma fuq min kienet irregistrata l-vettura tal- ghamla Hyundai Excel bin-numru GBE 854 ghalkemm l- Ufficjal Prosekutur jikkontendi illi dina hija registrata fuq l- imputat.*

*4. Illi qatt ma gie prodott bhala xhud Paul Spiteri li allegatament kien mal-imputat fil-jum indikat fl-akkuza. 5. Illi fuq il-post qatt ma gew intercettati la l-imputat u lanqas dana Spiteri.*

*6. Ma gewx esebiti t-tajr ibbalzmati li fuqhom huma msejsa whud mill-akkuzi, x'aktarx*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-26 ta' Jannar, 2012 (Numru: 12/2008)

*ghaliex dawn kienu jappartjenu lill-missier l-imputat li diga gie kkundannat fuq il-pussess tal-istess skond ma jiddikjara l-Ufficjal Prosekutur.*

*Illi dawn il-provi essenzjali huma ghal kollox neqsin mill- atti u l-uniku prova li setghet torbot lill-imputat mal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu huwa dak illi huwa jistqarr kemm mal-pulizija kif ukoll ma' Stanley Gatt, rapprezentant tal-MEPA li kellem lill-imputat a tempo vergine.'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrati li:

*'Illi l-uniku prova li tista' titfa' htija fuq l-imputat huwa l-kontenut tal-mobile phone tieghu, izda kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq dana l-mobile phone qatt ma gie esebit in atti u xi affarijiet li kienu jinsabu fih bhala xi footage fejn jidher l-imputat qed joqtol xi tajr, dina l-Qorti qatt ma kellha l-opportunita tarah. Huma biss ir- ritratti esebiti minn Stanley Gatt fejn huwa jiddikjara li dawn gew mehuda minn dana l-mobile phone li jaghtu xi hjiel lill-Qorti dwar il-kontenut ta' dana t-telefon cellulari. Dawn ir-ritratti jidhru li huma fotokopji u ghandhom data tahthom miktuba bl-idejn li skond l-istess Stanley Gatt huma d-dati meta gew mehuda dawn ir-ritratti. Illi bir- rispett kollu lejn l-abbli prosekuzzjoni dina m'hijiex l-ahjar prova li ghandha tingieb fil-kamp penali fejn l-oneru tal- prova inkombenti fuq l-istess prosekuzzjoni hija wahda kbira. L-istess dokument ghalhekk ma jista' qatt iwassal ghal sejbien tal-htija fil-konfront tal-imputat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Nicholas Vella Vs Pierre Darmanin'**[7] gie kkunsidrat:

*'Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlet referenza ghax xhieda ta' PC 1350 Christian Xuereb li ma tifformax parti mill-process odjern. U ghalhekk dak kollu li setgha qal dan l-ufficcjal m'ghandux ikollu effett ghal ai fini ta' dawn il-proceduri u ghalhekk l-appellant ghandu ragun jghamel din is-sottomissjoni fir-rikors tal-appell tieghu. Konsegwentment din il-qorti sejra tiskarta dak li qalet l-ewwel Qorti meta ghamlet referenza ghal din ix-xhieda.'*

Differenti mill-kaz hawn citat fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Nicholas Vella Vs Pierre Darmanin'**[8]**,** fil-kaz odjern ghalkemm ma hemm l-ebda verbal li jiddikjara li l-provi f'kawza kellhom japplikaw ghat-tnejn l-ohra u vice versa, dan l-aggravju ma tressaq

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 213/2018)
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 213/2018)

bl-ebda mod fir-rikors tal-appell tal-appellant. Filwaqt li fis-sentenza citata jirrizulta li l-appellant kien ressaq aggravji dwar il-fatt li ghalkemm xhieda ma kinitx tifforma parti mill-atti processwali ta' dik il-kawza izda tifforma parti mill-att ta' kawza fl-istess ismijiet li kienet qed tinstema' kontestwalment, il-Qorti kienet sabitu hati ta' imputazzjoni abbazi ta' din ix-xhieda.

F'dan ir-rigward jirrizulta li l-appellant kien filfatt anke ghamel referenza ghar-rapport li ghalkemm mhux esebit fil-kawza kontra l-appellant Luciano Maribitur kien esebit fil-kawza kontra Carmel Xerri. Filfatt fit-tielet aggravju l-appellant jissottometti li '*Jekk wiehed jikkonsidra l-provi tal-prosekuzzjoni ghandu jirrizulta (anke mill-investigations report esebit li r-rapport sar u Burrows cemplet lill-pulizija minhabba li allegatament kienu raw "an active trapping site for finches int he Fomm ir-Rih valley*". Ghalhekk l-appellant kien ben konsapevoli tal-provi migjuba tant li jaghmel referenza ghal dan ir-rapport fl-appell tieghu stess.

Ghalhekk din il-Qorti sejra gialdarba jirrizulta li l-provi tat-tlett (3) kawzi quddiem l-Ewwel Qorti kienu qeghdin jinstemghu flimkien u gialadrarba l-appellant ma kien bl-ebda mod pregudikat fid-difiza tieghu stante li kien ben konsapevoli tal-provi prezentati inkluz ir-rapport tal-CABS li ma jinsabx fil-process tal-kawza kontra tieghu izda jinsab fil-process tal-kawza kontra Carmel Xerri stante li jitratta l-istess akkadut, sejra tichad l-ilment imressaq mill-Avukat difensur fit-trattazzjoni tal-appell u sejra tghaddi billi tikkunsidra l-provi kollha bhala applikabbli ghat-tlett kawzi.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-istqarrija rilaxxata minnu. Gie sottomess li din ghandha tigi dikjarata bhala inammissibli ghaliex meta tali stqarrija giet rilaxxata, l-akkuzat ma kellux dritt li l-avukat tieghu jkun prezenti u jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Din l-eccezzjoni ngiebet fid-dawl ta' interpretazzjoni tad-decizjonijiet tal-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-Qrati ta' Malta u fid-dawl ta' dak li jiddisponu l-artikoli 355AT u 355AUA tal-Kodici

Kriminali u l-Avviz Legali 102 tal-2017, liema artikoli rrendew applikabbli d-dispozizzjonijiet tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014. Saret referenza ghall-artikolu 355AUA(8)(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaqra:

'*(ċ) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta'regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (d):*
*Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l-interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*'

It-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-ligi ta' Malta sehhet permezz tal-Att Nru LI tal-2016[9], liema Att dahal fis-sehh fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Jirrizulta li l-istqarrija in kwistjoni li tinsab a fol 9 et sequitur giet rilaxxata fit-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn kienet inghatat it-twissija segwenti u cioe':

'*Twissija moghtija mill-Ispettur Colin Sheldon fil-presenza ta' WPS 199 Joanne Bonnici li m'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova, wara li gejt moghti d-dritt li stajt tikkonsulta jew tigi assistit mill-Avukat jew Prokuratur Legali tal-fiducja tieghek u int ghazilt li ma tridx tkun assistit.*'

Fl-istess stqarrija tnizzel ukoll li '*Niddikjara li din l-istqarrija ghamiltha jien volontarjament u ma gietx imgieghla b'theddid jew biza'*, *jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' xi*

[9] Senjatament permezz tal-artikolu 355AT(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*vantaggi, u wara li nqratli naghzel li ma niffirmax.'* Flfatt din l-istqarrija mhijiex iffirmata mill-appellant Luciano Mirabitur.

Filwaqt li fid-dikjarazzjoni ta' rifjut iffirmata a fol 8 tnizzel li '*Illum l-Ufficjal investigattiv hawn that iffirmat jiddikjara bil-miktub li Luciano Mirabitur detentur tal-karta tal-identa numru 357176M gie mgharraf bid-dritt li jista jikkonuslta privatament mal-avukat jew prokuratur legali tal-fiducja tieghu wicc imb wicc jew bit-telfon qabel ma jigi interrogat rigward attivita ta' insib li sehhet fil-31 ta' Marzu 2017 gewwa Fomm ir-Rih u hu ghazel li ma jixtieqx jigi assistit*'

Ghalhekk jirrizulta li filwaqt li fit-twissija li tidher fl-istqarrija tnizzel li l-appellant ma ghazilx li <u>jikkonsulta</u> jew <u>jigi assistit</u> mill-Avukat jew Prokuratur Legali, fid-dikjarazzjoni ta' rifjut tnizzel li huwa gie mgharraf bid-dritt li jista' <u>jikkonsulta</u> privatament mal-avukat jew prokuratur legali tal-fiducja <u>wicc imb wicc</u> jew bit-<u>telefon qabel ma jigi interrogat</u> u tnizzel li <u>'ghazel li ma jixtieqx jigi assistit'</u>. L-Ispettur Colin Sheldon fix-xhieda tieghu tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li '*ngħataw id-drittijiet kollha bl-ittra tad-drittijiet ingħatatilhom u ffirmaw il-waver li ma riedux legal assistance u dawn id-dokumenti nikkonfermahom.*' Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti gie vverbalizzat li Dr. Mercieca ghall-ewwel aggravju tad-difiza, in vista tas-sentenzi mghotija mill-Qrati nostrana qed jirrimetti ruhu dwar l-istqarrija tal-appellant.

Ghalhekk ma jirrizultax kjarament jekk l-appellant inghatax id-dritt li jkun assistit personalment minn Avukat waqt l-istqarrija jew jekk id-dritt kienx limitat ghal konsultazzjoni qabel it-tehid tal-istqarrija. Filfatt jirrizulta li l-Avviz Legali 102 tal-2017 dahal fis-sehh l-ghada tat-tehid ta' din l-istqarrija, senjatament fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017). Minkejja li jirrizulta li l-appellant kien irrifjuta d-dritt li jikkonsulta ma Avukat jew li ma xtaqx ikun assistit, gialadarba ma jirrizultax jekk inghatalux id-dritt li jkun assist waqt l-istqarrija, din il-Qorti ma tistax tikkunsidra dan bhala rinunzja tacita ghal dan id-dritt. Din il-Qorti taghmel

referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur Dennis Theuma Spettur Spiridione Zammit Vs Claire Farrugia'**[10] fejn gie kkunsidrat li:

*'Il-kliem uzati f'dik it-twissija hija 'int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit', ma jirrizultax jekk il-kliem 'tigi assistit' jirreferix ghal qabel l-istqarrija jew matul. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-ligi fiz-zmien li l-appellanta ghamlet iz-zewg stqarrijiet ma kinitx tiprovdi d-dritt li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija jikkonferma li l-kliem 'tigi assistit' f'dik it-twissija qieghed jirreferi ghal qabel l-ghoti tal-istqarrija. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-istqarrija kif kellha kull dritt li taghmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha d- dritt.'*

Din il-Qorti tenut kont tal-fatt li ma jirrizultax kjarament jekk l-appellant inghatax id-dritt li jkun assistit fizikament bil-prezenta ta' Avukat waqt it-tehid tal-istqarrija sejra sabiex ma jigux lezi d-drittijiet tal-appellant, tiddikjara l-istqarrija tat-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) bhala inammissibli.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-filmat esebit minn Fiona Burrows. L-appellant issottometta li fil-kaz odjern l-provi tal-prosekuzzjoni huma primarjament filmat li allegatament ittiehed minn Fiona Burrows u t-testimonjanza ta' Fiona Burrows.

L-appellant jissottometti li l-filmat li esebiet Fiona burrows ma ghandux jkun ammissibli sabiex tigi determinata l-htija in kwantu tali filmat ma jikkonsistix f'filmat shih u kontinwu izda semplicement diversi filmati qosra hafna. Skont l-appellant, skont l-allegazzjoni ta' Burrows l-incident kollu sehh f'madwar tletin (30) minuta u li l-inqas li setghet taghmel Burrows kien li tipprezenta in atti filmat kontinwu ghal minimu ta' tletin (30) minuta. Minflokk ma hija ghamlet dan, pero', il-filmat li esebiet

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 259/2018)

jikkonsisti f'diversi filmati maqtughin b'mod li ma tistax tigi determinata l-kontinwita' ta' dak li kien qed isehh.

Jissottometti li bejn il-filmat inizjali li juri lil zewgt individwi fuq il-mansab jigbru x-xbiek b'wicchom mghammad u l-filmat sussegwenti li juri tlieta minn nies mexjin fl-ghelieqi ma hemmx l-link dirett. Ma jirrizultax mill-filmati successivi minn fejn kienu gejjin dawn it-tlett individwi li jidhru semplicment mexjin fl-ghelieqi u fejn ma jidher li qed jaghmlu l-ebda attivita' illegali kwalsiasi. Il-vojt bejn l-ewwel filmati u l-filmati sussegwenti ma jistax jintela bis-suspetti jew supposizzjonijiet.

L-appellant jippretendi li la darba Burrows tallega li kienet qieghda ssegwi kollox mill-bidu, hi kellha tirrekordja kollox mill-bidu sal-ahhar sabiex ikun hemm il-kontinwita' u mhux tiehu filmati spezzettati. La ma sarx dan, dan ifisser jew li lanqas Burrows ma kienet qed issegwi l-individwi koncernati l-hin kollu jew altrimenti jekk kienet qed issegwihom allura fin-nuqqas ta' filmat kontinwu, ifisser li ma gewx osservati r-regoli tal-best evidence rule u l-kontinwita' tal-evidenza. Ghalhekk skont l-apellant tali filmat ghandu jigi dikjarat inammissibli u verdett ta' htija a bazi ta' tali filmat ikun bir-rispett jammonta ghall-verdett unsafe and unsatisfactory.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali fit-trattazzjoni spjega kif ma jaqbilx ma' dan l-aggravju u ssottometta ukoll li hemm differenza bejn l-inammissibilta' ta' prova u l-valur probatorju. L-Avukat Generali ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta kontra Anthony Cacciattolo ta' tlieta u tletin sena, imwieled Hal-Qormi, bin Toussaints**'[11] fejn gie kkunsidrat li '*L-ammissibbilita' o meno ta' prova dokumentarja u l-valur probatorju li prova dokumentarju jista' jkollha huma zewg koncetti totalment distinti, u wiehed irid joqghod attent biex ma jikkonfondix il-wiehed ma' l-iehor. Dokument ta' awtenticita' indubbja infatti, jista ma jkunx ammissibbli taht certi fattispecji, u minn naha l-ohra, dokument legalment amissibbli jista' ma jkollu l-ebda siwi bhala prova ghax tkun tonqos il-prova ta' l-awtenticita' tieghu.*'

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Ottubru, 1986 (Att ta' Akkuza Numru: 41/81)

Skont l-Avukat Generali dan il-filmat huwa ammissibli stante li gie prezentat il-Qorti u kkonfermat minn Fiona Burrows li xehdet dwar dan il-filmat. Meta Fiona Burrows xehdet quddiem din il-Qorti fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) spjegat li '*I have a hand hold video camera which has a 90 times zoom, so I was able to film the site from a distance.*' Spjegat li '*The visibility was perfect, I was only within a distance of about 300 meters maybe a little more and with the zoom on the video camera is very easy to identify people.*' Meta mistoqsija '*how long is the video or you would not know?*' wiegbet '*There are about five or six clips ... normally about five minutes long each clip maybe longer, it depends.*'

Din il-Qorti rat il-filmati fejn jirrizulta li hemm seba' (7) filmati ta' madwar minuta, zewg minuti kull filmat u f'uhud anqas minn minuta ghalkemm Fiona Burrows fix-xhieda taghha tghid '*There are about five or six clips ... normally about five minutes long each clip maybe longer, it depends.*' Kif tajjeb issottomettiet id-difiza ma hemmx filmat wiehed kontinwu izda clips qosra li huma intitolati '00010', '00011', '00012', '00015', '00017', '00018' u '00019' u li ghaldaqstant in-numri bhala titoli tal-'clips' ma jsegwux .

Din il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra x'inhi '*real evidence.*' Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Trevor Micallef Vs Moumen Troure'[12],** dik il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal diversi awturi rigwardanti dak li jikkostitwixxi '*real evidence*'. Fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

*'L-awtur Murphy, imbaghad fil-ktieb tieghu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jaghti dina id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7):*

*'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2016 (Appell Nru: 513/2015)

*importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...*

*'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

*Ikompli:*

*'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.'*

L-istess sentenza kkunsidrat li:

'*Illi l-ewwel gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti iqanqal kwistjoni dwar l-ammissibbilita tal-prova maghmula mill-prosekuzzjoni permezz ta' filmati mehuda minn CCTV camera installat fil-post fejn sehhew l-atti inkriminatorji allegatment kommessi mill-appellanti. Issa meta il-Qorti* <u>*tqies illi prova hija inammissibbli u ghalhekk tiskartaha, dik il-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi disposizzjoni tal- liġi li teskludieha milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-akkuzat qed ifittex li ixejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbilita taghha.*</u>' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Ikkunsidrat ukoll:

'*Illi ibda biex mill-atti jirrizulta illi ghalkemm huwa minnu illi l-filmati qatt ma gew murija fil-qorti bil-miftuh u ghalkemm huwa minnu illi qatt ma gie innominat espert sabiex jeleva il-filmati u johrog il-kontenut taghhom, madanakollu jirrizulta illi d- difiza kellha f'ideja kopja ta' dawn il-filmati esebieti sabiex setghet tqies il-valur probatorju taghhom u sabiex*

*tikkontrolla dak illi gie mistqarr mix-xhieda li identifikaw lill-appellanti minn fuq dawn il-filmati u xhedu dwar il-fatti riportati fihom.*

*Issa l-identifikazzjoni jew ir-rikonoxximent maghmul mix-xhud jibqa' dejjem suxxettibbli ghall-imperfezzjonijiet tal-osservazzjonijiet umani u ghall- possibbilitajiet kollha ta' zball genwin illi ifisser allura illi min hu imsejjah biex jiggudika irid japplika dik il-kawtela specjali qabel ma jasal ghal kundanna ibbazata fuq dik l-identifikazzjoni u dan dejjem jekk dawn ix-xhieda fil-kors tal-proceduri jaghmlu dik l-identifikazzjoni.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Ramon Cassar) Vs Ruth Borda ta' 29 sena bint Carmel Borda u l-mejta Doris nee' Harmer, imwielda Pieta fit-18 ta' Marzu 1983, detentrici ta' karta ta'l-identita' Maltija bin- numru 190783(M) u residenti Volendam, Triq A. Calligari, Zabbar u Alan Cutajar ta' 35 sena iben Charles u Winifred nee' Willie, imwieled Pieta' fit-28 ta' Jannar 1997, detentur tal-karta ta'l-identita' Maltija bin-numru 125977(M) u residenti fil-fond numru Flat 16, Block 10, Entrance B, Triq il-Gilju, San Gwann'**[13] il-Qorti kkunsidrat fost it-taghlim ta' numru ta' awturi li:

*'Illi fil-ktieb tieghu Cross, On Evidence (6th edition) l-awtur jaghti definizzjoni ta' dak imsejjah bhala* ***real evidence****:*

***'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ...***

***Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.***

*Cross imbaghad ighaddi sabiex jaghti diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real*

[13] Deciza mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminli nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 (Numru: 36/2007)

*evidence" u fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u ighid:*

***'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video- tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'.***

Illi din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tiddikjara l-filmat bhala inammissibli u dan gialadarba jirrizulta ampjament pruvat kemm il-provenjenza ta' dawn il-filmati u cioe' li ttiehdu minn Fiona Burrows u li din l-istess xhud ikkonfermat li l-filmati ittiehdu minnha. Anke jekk din il-Qorti hija tal-fehma li huwa desiderabbli li x-xhud tiehu filmat shih u komplet u mhux filmati spezzettati. Izda minkejja dan, din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni biex tiddubita l-awtenticita' ta' dan il-filmat. Dwar jekk dan il-filmat wahdu huwiex sufficenti *ai fini* ta' identifikazzjoni tal-persuni li jidhru fil-filmati sejjer jigi kkunsidrat aktar il-quddiem.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant issottometta li la l-filmat u lanqas mix-xhieda ta' Fiona Burrows ma jirrizultaw pruvati l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.

L-appellant issottometta li strettament minghajr pregudizzzju ghall-ewwel aggravju dwar l-inammissibilta' tal-filmat esebit minn Burrows, xorta wahda ma jirrizultawx pruvati l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant. Ir-rapport sar u Burrows cemplet lil Pulizija minhabba li allegatament kienu raw '*an active trapping site for finches in the Fomm ir-Rih valley.*' Fl-ebda hin ma jinghad li Burrows rat xi attivita' ta' nsib kwalsiasi. Tghid biss li rat mansab armat, kif ukoll li wara ftit minuti, rat lil zewgt individwi jigbru x-xbiek. Qatt ma rat insib. Ma tghidx li rat xi hadd fuq il-mansab hdejn ix-xbiek lest biex jeqlek ix-xbiek il-mument li jinzel ghasfur fuq l-istess xbiek. Fuq il-mansab hija qatt ma rat l-ebda persuna kwalsiasi u l-unika darba li rat persuna/i fuq barra kien meta dawn gabru l-istess xbiek. Skont l-appellant ma jistax jinghad li ghax persuna tigbor xbiek minn mansab allura tali persuna ghandha

tinstab hatja ta' nsib illegali. Tissottometti li Burrows pero' ma rat lil hadd hdejn ix-xbiek u x'hin rat lil xi hadd dan kien qieghed jigbor il-gabjetti jew ix-xbiek. Skont l-appellant ghalhekk ma tezisti l-ebda prova sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni ta' insib skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

In oltre, l-appellant jissottometti li anke jekk wiehed kellu jaccetta l-fatt li kien hemm mansab armat fi stagun maghluq, dan il-fatt wahdu ma jfissirx allura li l-appellanti ghandu awtomatikament jinstab hati ta' insib fi stagun maghluq. Jissottometti li fir-rigward ta' mansab armat fi stagun maghluq, fin-nuqqas ta' prova li kien hemm persuna li kienet qed tonsob, tezisti akkuza ad hoc taht il-legislazzjoni sussidjarja L.S. 549.93 izda mhux l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellant.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti qabel ma tikkunsidra s-sottomissjonijiet maghmula fl-aggravji, jehtieg li l-ewwel tikkunsidra jekk l-appellant giex sufficjentement identifikat. Dwar l-identifikazzjoni l-appellant jissottomettti li mill-filmat stess ma jistax jinghad li hemm xi identifikazzjoni pozittiva ta' xi wiehed mit-tlett indivdwi fil-post qrib il-mansab mal-appellant. Filwaqt li z-zewgt individwi li jidhru jigbru x-xbiek ghandhom wicchom mghammad u allura hemm l-impossibilita' ta' identifikazzjoni, it-tielet persuna li tidher fil-kamra ukoll wiccu ma jingharafx minhabba li wiccu huwa mghotti bi tromba li kien qed juza.

L-appellant fir-rigward tal-filmati l-ohra fejn jidhru tlett (3) individwi li mhumiex mghammda mexjin gol-ghelieqi, issottometta li ghalkemm wicchom mhuwiex mghammad xorta wahda hemm dubji dwar l-identifkazzjoni taghhom, irrispettivament mill-fatt jekk tali individwi humiex rikonoxxibli jew le, dawn l-individwi ma jidhru li qed jaghmlu xejn illegali u zgur mhux qed jonsbu skond kif qed jigi allegat fl-imputazzjonijiet. In oltre, l-appellant jissottometti li minhabba in-nuqqas ta' kontinwita tal-filmat ma hemmx ness bejn l-ewwel ftit filmati u l-bqija tal-filmati u kwindi ma hemmx konferma minghajr dubju dettat mir-raguni li dawk it-tlett individwi mexjin fl-ghelieqi huma l-istess tlett individwi li wicchom ma

jintgharafx li jidru fil-filmati precedenti. Bil-mod li bih gie spezzettat il-filmat ma hemmx serhan il-mohh li l-filmati ittiehdu kollha fl-istess incident.

Din il-Qorti fl-ewwel lok ma ghandhiex dubju li z-zewg persuni li jidhru b'wicchom mghammad ossia dak bil-gakketta u beritta camouflage u l-persuna l-ohra bil-maskla tal-iskeletru bi flokk blu huma l-istess tnejn minn tlett minn nies li jidru mexjin fl-ghelieqi, li huma lebsin l-istess hwejjeg. Filfatt jekk wiehed jara il-filmat bin-numru 00012 il-persuna bi flokk blu u li liebes il-maskla tal-iskaletru jidher fl-ahhar tal-filmat huwa u diehel lura fil-kamra inehhi l-maskla u li ghalkemm wiccu ma jidhirx tidher ras din il-persuna, ossia persuna minghajr xaghar jew xaghru imqaxxra. Illi huwa minnu li l-filmati mhumiex kontinwi izda l-prosekuzzjoni ma prezentatx biss filmat izda prezentat xhud li xehdet dwar dak li rat. Din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li jirrizulta pruvat li z-zewg persuni li jidhru qeghdin inehhu x-xbiek u l-gabjetti huma l-istess tnejn (2) minn tlett (3) irgiel li jidhru mexjin fl-ghelieqi, ma jfissirx li l-filmat wahdu huwa bizzejjed *ai fini* tal-identifikazzjoni ta' Luciano Mirabitur.

Ghalhekk din il-Qorti apparti l-filmat, sejra tqis jekk mill-provi prodotti giex identifikat l-imputat Luciano Maribitur. Skont dak li jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Colin Sheldon moghtija quddiem din il-Qorti fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-appellant Luciano Maribitur gie identifikat peress li skont l-Ispettur Colin Sheldon, il-vettura LCN 617 tat-tip Opel Corsa ta' kulur abjad hija rregistrata fuq Luciano Maribitur. Meta mistoqsi:

'*Qorti: Spettur ġew in-nies individwati min individwa?*
*Xhud: Il-Cabs raw...*
*Xhud: Iva... ġew identifikati żewġ vetturi, waħda min numru GBL 024 u LCN 617.*
*Qorti: Jgħajjtu lil min?*
*Xhud: Issa LCN 617 irrizulta li tgħajjat lill-Luciano Mirabitur. Hija Opel Corsa ta kulur abjad u hija rreġistrata fuq ismu....*'

Għalhekk jirrizulta li Fiona Burrows mill-Cabs provdiet in-numri ta' registrazzjoni tal-vetturi, u l-appellant gie identifikat bhala registrat fuq wahda mill-vetturi li fiha t-tlett persuni telqu minn fuq il-post.

Fiona Burrows fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) spjegat li:

'*Then after a few minutes a second person came out of the trapping hide which is this person on the left here and he had a mask on his face it was a skull mask ...*'
*Av: Naħseb qed tirreferi għal Luciano jista' jkun?*
*Qorti: Tan-nofs x'jismu? You said the gentleman in blue or the one in the middle?*
*Xhud: On the left.*
*Av. Luciano.*
*Qorti: On the eft Luciano Mirabitur.*'

Spjegat li '*So he began to remove the nets from the trapping site with the ... they both began taking the nets. So they took off the nets and took them inside the trapping hide ...*' Mistoqsija '*So Luciano came out with a skull mask on his face and do you know by any chance the clothes that he was wearing?*' wiegbet '*I do not remember, I just remember the skull mask ... so they took the nets inside and seemed to leave the nets inside the trapping hide...*'

Ghalhekk jirrizulta li b'referenza ghar-rapport esebit a fol 25 et sequitur fil-process tal-kawza kontra Carmel Xerri li Fiona Burrows kienet qieghda tidentifika lil Luciano Mirabitur bhala l-persuna li kien liebes il-maskla ta-iskeletru u li kien liebes qalziet skur u flokk blu, fir-rapport riferut bhala Suspect 1. Spjegat ukoll li '*So then after another few minutes the three men left the trapping hide and the two men that have covered their faces before now were uncovered that is how I can easily identify now because they took their face coverings off. They left the trapping hide and they did not take anything with them so everything was left inside the hide.*' Mistoqsija '*how did you make the connection between the people that effectively disarmed the trapping site to the people who left the hide?*' wiegbet '*It was very easy to tell because obviously I was seeing the clothes that they were wearing. When they were wearing the face coverings, they were wearing the same clothes, these people*

*that left the hide with their faces uncovered, it was the exact same clothes and the height and the built of the people aswell.*' Spjegat li '*it was a complete clear view.*' Spjegat li kien hemm il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LNC 617 u spjegat 'there was on person driving and that was the man on the left ... he was driving, he left first ...' Ghalhekk jirrizulta li mhux biss Luciano Mirabitur huwa registrat fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCN 617 izda li Fiona Burrows indikatu bhala l-persuna li saqet dik il-vettura. Filfatt fir-rapport a fol 28 fil-kawza kontra Carmel Xerri tnizzel '*I stayed along the cliffs and after a few minutes I saw Suspect 1 drive by (car details above)...*' Bhaa deskrizzjoni ta' suspect 1 tnizzel 'Mustache, shaved head' u bhala eta' tnizzel '40s'. Meta mistoqsija '*And by any chance would you remember or did you take any photos in your documents of these men?*' wiegbet '*No it was not possible because obviously at that time I was trying to be covered, I was very close to them and I would have subotaged the mission that way.*' Filwaqt li meta mistoqsija '*So you confirm that they are the same men who were on the site?*' wiegbet '*Yes, yes*'.

Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tikkunsidra huwa jekk ghandhiex tistrieh fuq l-identifikazzjoni maghmulha minn Fiona Burrows. Jirrizulta li Fiona Burrows kienet madwar tlett mija u hamsin (350) metru 'l boghod meta bdiet tigbed il-filmat izda spjegat li l-video camera ghandha '*90 times zoom*'. Spjegat li '*They left walking through the fields towards the road, so at that point I decided to stop video and tried to look down the road to see what were the number plates of the vehicles because I assumed that is were they must be parking their cars.*' Mistoqsija '*And by any chance would you remember or did you take any photos in your documents of these men?*' u wiegbet '*No it was not possible because obviously at that time I was trying to be covered, I was very close to them and I would have subogated the mission that way.*' Ghalhekk jirrizulta li Fiona Burrows mhux biss osservat lill-appellant ghal numru ta' minuti izda li anke giet vicin ta' dawn il-persuni. Filfatt fir-rapport tghid '*They saw me and split up as I walked by them. I stayed along the cliffs an after a few minutes I saw Suspect 1 drive by (car details above), soon after Suspect 3 drve by with Suspect 2 as passenger (details above).*'

Ghalhekk jirrizulta li l-Ispettur Colin Shelton stazzjonat l-Adminsitrative Law Enforcement Unit identifika lil Luciano Maribitur bhala l-persuna registrata fuq il-

vettura bin-numru LCN 617, dan gie kkonfermat minn Fiona Burrows li mir-rapport stess identifikatu bhala suspect 1 u cioe' dak li originarjament kien liebes il-maskla tal-iskeletru bhala l-persuna li saq din il-vettura meta telaq minn fuq il-post. Quddiem l-Ewwel Qorti ma gie prodott l-ebda xhud minn Transport Malta biex jikkonferma li l-vettura bin-numru LCN 617 kienet registrata f'isem Luciano Mirabitur, izda minkejja dan Fiona Burrows ikkonfermat lil -appellant Luciano Mirabitur kien qieghed isuq dik il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni indikat. Gialadarba din il-Qorti hija tal-fehma li l-filmat wahdu mhuwiex bizzejjed ai fini ta' identifikazzjoni, din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk l-identifikazzjoni maghmulha minn Fiona Burrows hijiex sufficenti.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija versus Stephen Zammit'</u>**[14] fejn gie kkunsidrat li:

*'Il-Każ klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta'* ***Turnbull*** *(1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruħha hekk:*

*"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Lulju, 1998

*accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?...*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger".;*[15]'(Emfazi mizjuda u referenzi kif citati tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna). Il-kaz ta' R vs Turnbull gie citat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Kenneth Ellul'**[16].

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Luke Bonello) vs Stephen Azzopardi'**[17] gie kkunsidrat:
'*Illi l-perikolu ta' in dock identification huwa evidenti. Fil-fatt il-Privvy Council*[18] *jirreferi ghal the obvious danger that a defendant occupying the dock might automatically be assumed by even a well intentioned eye-witness to be the person who had committed the crime with which he or she was charged.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. John Vella'**[19] gie kkunsidrat:

'*Dwar dock identification l-Archbold jghid:*

---

[15] ara Blackstone's Criminali Practice, 1991, paġna 1991; Archbld, 1997, paġna 1255-1256
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-31 ta' Ottubru, 2018 (Att ta'l-Akkuza numru: 16/2012)
[17] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Lulju 2017 (Kumpilazzjoni Numru: 1041/2014)
[18] Ref Tido vs The Queen [2011] UKPC 16 per Lord Kerr. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)
[19] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Jannar, 2019 (Numru: 401/2018)

*Dock identifications are not inadmissible but when considering whether to exercise its discretion to admit such evidence the court should consider whether there is a good reason why an identification procedure did not take place – there being procedures which can take place where the suspect is not willing to participate in a formal identification parade.*

*Where such evidence is admitted the court should remember the dangers of relying on such evidence, that (if the defendant was denied the advantage of participating in an identification procedure) the defendant has been disadvantaged by not participating in an identification procedure and that an identification witness may assume that the person in the dock is the person who committed the offence.*[20] '

L-Avukat difensur ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Edel M. Camilleri) vs Joseph Axiaq'**[21] fejn Fiona Burrows kienet zbaljat fl-identifikazzjoni tal-imputat stante li kienet qieghda tirreferi ghal kaz iehor. F'dik is-sentenza intqal:

'*9. Barrows fix-xhieda tagħha bdiet biex tidentifika lill-imputat appellant bħala li kienet il-persuna li raw fuq il-post u kompliet tixhed li l-vettura li biha dik il-persuna telqet minn fuq il-post kellha n-numru ta' reġistrazzjoni IBC 864. Ix-xhud Barrows imbgħad żiedet li kienet qed tirrealizza li fl-istess ġurnata kellha żewġ każijiet u li fil-każ ta' llum in- numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura kien SIM 031 u mhux IBC 864. Tal- aħħar kien jirrigwarda l-każ l-ieħor li fih ix-xhud Barrows ma kienetx identifikat lill-persuna involuta, kif irrilevat l-ewwel Qorti*[22]*. Għalhekk meta x-xhud identifikat lill-imputat l-ewwel darba kienet qed tirreferi għall-każ li kien jikkonċerna l-vettura IBC 864 u ċioe' każ ieħor u mhux ta' llum. Kien hemm ukoll fuq il-post żewġ vetturi oħra bin-numru KBC 106 u CBG 946.*'

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat ukoll li:

'*13. Il-Qorti eżaminat il-filmat li jidher fuq id-DVD konsenjat minn Barrows lill-Pulizija u li jinsab esibit fl-atti. Fil-film tidher persuna maskili b'kappell mdeffes f'rasha sa fuq għajnejha*

[20] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2018 Pg 654 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)
[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Lulju, 2017 (Appell numru: 592/2016)
[22] Fol. 18 (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna) fis-sentenza citata)

*u liebes nuċċali tax-xemx skur b'arbuxxell li kien jostakola l-viżwali tal-fattizzi ta' wiċċu. Aktar tard dak li jidher huwa l-istess persuna jidher ukoll f'distanza aktar 'il bogħod b'daru lejn il-camera miexja lejn dura iżda f'mument minnhom għal xi sekondi jidher wiċċu lejn il-camera iżda bil-fiżjonomija ta' wiċċu xejn rikonoxibbli f'dik id-distanza. Għalhekk il-video ma jagħtix serħan il- moħħ li min ħa l-video seta jirrikonoxxi lill-persuna li kienet tidher fil-filmat. L-istess jista' jingħad għar-ritratti esibiti li juru l-istess affarijiet.*'

In oltre, gie kkunsidrat:

'*16. Għalhekk l-uniku xhud prodott biex jidentifika lill-imputat hija effettivament Fiona Barrows li d-depożizzjoni tagħha, iżda, xejn ma tagħti affidament lill-identifikazzjoni tagħha tal-imputat. Bdiet biex tidentifika lill-imputat bħala l-persuna li rat fuq il-post u bħala l-persuna li saq minn fuq il-post fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBC 864. Minnufih wara, iżda, rrealizzat li kienet qiegħda tħawwad il-każ ma ieħor preċedenti u issa qalet li l-vettura kienet bin-numru SIM031. Aktar tard reġgħet kkontradiċiet ruħha għaliex ikkonfermat li fil-fatt qatt ma rat il- vettura li biha telaq minn fuq il-post. Ta' min iżid li fir-rapport tagħha Barrows qatt ma qalet li rat lill-persuna in kwistjoni titlaq b'xi vettura iżda qalet biss li "He walked away" imbgħad żiedet li "and we did not see what vehicle he left in". Il-filmat li ġie prodott minn Barrows lill-pulizija ma jagħtix serħan il-moħħ li Barrows kienet f'pożizzjoni li tagħraf pożittivament lill-persuna li tidher fil-filmat. Is-surġent rapportat li għaraf lill-imputat mill-filmat ma ġiex prodott jixhed.*

*17. Ta' min iżid li fil-filmat, li huwa wieħed awdjoviżiv, ma jinstema' ebda bird caller u għalkemm tidher gaġġa waħda ma jidher fiha ebda għasfur jew decoy. Inoltre l-persuna li tidher fil-filmat ma tidhirx fid-dura fejn nassab soltu jistenna biex jaqleb ix-xbieki iżda jidher barra d-dura f'ċertu distanza minnha sakemm fl-aħħar imur lejn id-dura u jidher li telaq minn fuq il-post.*'

Din il-Qorti izda ma hijiex tal-fehma li din tnaqqas il-kreddibilita tax-xhud Fiona Burrows. Din il-Qorti wara li fliet ix-xhieda ta' Fiona Burrows, liema xhieda kienet wahda konsistenti, hija konvinta bl-identifikazzjoni maghmulha minn Fiona Burrows fir-rigward tat-tlett imputati u ghalhekk inkluz l-appellant odjern Luciano Mirabitur. Jirrizulta li hi osservat lil dawn il-persuni ghal madwar hamsa u erbghin (45) minuta u ghalkemm f'xi waqtiet kienu mghammda, hija setghet tarafhom minn

hwejjighom meta wicchom kien mikxuf u meta huma mexew qalb l-ghelieqi ghal vetturi. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ma ghandhiex tqis l-identifikazzjoni li ghamlet din ix-xhud bhala sufficenti fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.

Ikkunsidrat;

L-Avukat difensur fit-trattazzjoni taghha qajmet il-punt dwar il-hin fl-akkuza u dan stante li Fiona Burrows tghid li ghal habta ta' 4:45pm sabet '*active trapping site*' filwaqt li fil-5:00 hargu zewg persuni, wiehed minnhom l-imputat odjern jigbor ix-xbiek. L-akkuza tirreferi ghal wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) ghal habta ta' 16:45hrs. L-Avukat difensur ghalkemm dan mhux aggravju mressaq fir-rikors tal-appell, fit-trattazzjoni orali taghha ghalkemm tispjega li mhijiex tissottometti li hemm zball fil-hin indikat fuq l-akkuza, tissottometti li l-Qorti trid tiddeciedi fil-parametri ta' dak indikat fl-akkuza inkluz il-hin indikat, ghaliex f'kaz li dan ma jsirx dan ikun kontra d-dritt tal-imputat ghad-difiza tieghu.

Din il-Qorti taqbel mad-difiza f'dan ir-rigward, u cioe' li sabiex jista' jinghad li l-imputazzjonijiet gew ippruvati minghajr dubju dettat mir-raguni, l-imputazzjonijiet iridu ikunu ippruvati li sehhew f'dak il-jum u f'dak il-hin indikat fl-akkuza. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Anthony Cassar] vs Ramon Mifsud Grech Jean Paul Vella Brian Tonna Jonathan Micallef Omissis'**[23] fejn gie kkunsidrat:

*'Illi mill-atti jirrizulta ampjament li l-incident li dwaru tressqu l-provi kollha sehh nhar il-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' fil-ghodu. Pero l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati kollha jirreferu ghall-incident li sehh nhar il-25 ta' Ottubru 2009 "**ghall-habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija**".Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti*

[23] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' April, 2012 (Numru: 85/2010)

*ta' l-akkuza, bil- partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

*Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall- habta tas-7.30 a.m.", intqal li:*

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' "* ***<u>tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni</u>*** *izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

*Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l- Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk f'l-ismijiet Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it- tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.*

*Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputati odjerni ma jistghux jinstabu hatja ta'l- imputazzjonijiet lilhom addebietati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 fil-hdax ta' fil-ghaxija meta il-provi li ngiebu quddiem din il-Qorti jirreferu ghal-fatti li sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 fit-tlieta u nofs ta' fil-ghodu.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Shaun Farrugia</u>**[24]' gie kkunsidrat li:

'*Illi jinghad ab initio li l-proseskuzzjoni qed tallega li dawn ir-reati imsemmija fil-komparixxi gew kommessi mill-appellant fl-inhawi tal-Qadi, limiti tan-Naxxar nhar il-11 ta' Dicembru 2016. L-unika xhud li ressqet il-prosekuzzjoni kient Fiona Burows li ghal-darbtejn tlieta fuq domanda tal-Qorti insistiet li l-incident sehh fit-3 ta' Dicembru 2014 u ghalhek ftit*

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru, 2018 (Appell Numru: 217/2018)

*aktar minn sentejn qabel id-data ccitata fic-charge. Il- prosekuzzjoni fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ma talbet korrezzjoni fic-charge. Cio' nonnostante l-ewwel Qorti sabithu hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu.*

*Illi fil-kaz in dizamina minkejja illi l-appellanti ma ressaqx dan l-ilment fir-rikors tal- appell teighu din il-Qorti ma tistax issib lill-appellant hati tal-akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza.*'

Minn naha l-ohra, il-Qrati mhux dejjem hadu l-istess linja ta' kunsiderazzjonijiet rigwardanti zball fil-hin indikat fl-imputazzjoni. Filfatt fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Joseph Zammit'**[25] gie kkunsidrat li:

'*M'hemmx dubju illi "għall-ħabta tal-11.00" mhuwiex l-istess bħal "għall- ħabta ta' 14.00". Iżda lanqas ma hemm dubju illi l-appellant kien jaf sew għal liema inċident il-każ kien qiegħed jirreferi. Difatti, kif ingħad, fl-appell tiegħu kkontesta l-manjiera ta' sewqan u mhux il-ħin ta' l-inċident. Dan ifisser illi lanqas ma kkuntesta l-ħin ta' l-inċident quddiem l-ewwel Qorti.*'

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha abbazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li r-reati sehhew fid-data u l-hin indikat fic-citazzjoni f'dan il-kaz ghal habta ta' 16:45 li ghalhekk jindika hin approsimattiv u ghalhekk ftit aktar kmieni jew ftit aktar tard xorta wahda jaqa' fil-parametri tal-kliem '*ghal habta*'. F'dan il-kaz izda ma jirrizultax li hemm zball fil-hin indikat fl-imputazzjoni u lanqas ma jirrizulta li l-allegati reati ma sehhewx ghal habta ta' 16:45. Filfatt ir-rapport tal-CABS prezentat fil-process tal-kawza kontra Carmel Xerri gie indikat '4.45 PM' bhala hin. Jiprovdi wkoll li '*At around 4.45PM on 31.3.17 myself (Fiona Burrows) and two volunteers noticed an active trapping site for fiches in the Fomm ir Rih Valley. Nets were set up and caged decoys were visible, finch caller could also be heard. It was not possible to see inside the hide from that angle.*' Fl-istess rapport tiprovdi li '*Just after 5PM a man exited the hide (Suspect 2) and began collecting the caged finch decoys from the trappin site....*' Jipprovdi wkoll li '*At 5.05PM Suspect 1 and Suspect 2 (Wearing a balaclava and a skull mask) exited the hide and dismantled and removed the nets from the trapping site....*' Filwaqt li '*At 5.17PM the three men left the trapping site...*' Ir-rapport jipprovdi wkoll li '*I called ALE around 5:30PM to cancel their patrol as the suspects had*

---

[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Jannar, 2016 (Appell numru: 249/13 DS)

*already packed up and left.*' Fl-istess rapport bhala '*Timeline of calls*' tnizzel 4.51 PM 119 bir-response '*ALE would meet us*' filwaqt li 5.29 PM cemplet 119 fejn gie ikkancellat l-appuntament.

L-Ispettur Colin Sheldon fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti ta' nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li '*Fil-ħamsa neqsin kwart kien hemm nies tal-Cabs li ndividwaw trapping site.*' Spjega li qieghed jirreferi ghal wara nofsinhar. Fiona Burrows fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti ta' nhar is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) xehdet li '*At 4.45pm I noticed that there was an active trapping site for finches. There were nets set up and there were also cage decoys and electronic callers for finches were heard ...*' Meta mistoqsija '*So what type of day was the 31st of March 2019?*' wiegbet '*So it was 4.45pm*'. Jirrizulta li l-Avukat Generali b'lapsus staqsa dwar il-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) minflokk elfejn u sbatax (2017), dan izda ma ghandu l-ebda relevanza u dan stante li fil-bidu tax-xhieda taghha ix-xhud stess tindika d-data ossia l-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Ghalhekk ma jirrizulta l-ebda zball fil-hin tal-imputazzjoni u in oltre l-fatti li x-xhieda xehdu dwarhom kollha jirrigwardaw il-habta ta' 16:45 u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis u tikkunsidra l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant li dwarhom instab hati, salv ghas-seba' imputazzjoni li minnha gie liberat stante li giet dikjarata bhala preskritta. Dawn il-kunsiderazzjonijiet qeghdin isiru kemm abbazi tal-ilmenti imresqa fir-rikors tal-appell u anke abbazi ta' dak sottomess waqt it-trattazzjoni mid-difiza u mill-Avukat Generali.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-akkuzat Luciano Mirabitur huwa akkuzat '*talli nhar il- 31 ta' Marzu 2017 ghal habta ta' 16:45 hrs fl-inhawi ta' Fomm ir-Rih u f' dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, hadt jew ipprovajt tiehu b'xi mezz xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18 (1)(c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;*'.

Fl-ewwel lok, jirrizulta mhux kontestat li fid-data tal-imputazzjoni kien stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar. L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li fl-ebda hin ma jinghad li Burrows rat xi attivita' ta' nsib kwalsiasi. Skont l-appellant, Fiona Burrows tghid biss li hija rat mansab armat kif ukoll li mbghad wara ftit minuti rat lil zewgt individwi jigbru x-xbiek izda ma rat l-ebda insib. Hi ma tghidx li rat lil xi hadd fuq il-mansab hdejn ix-xbiek lest biex jeqleb ix-xbiek il-mument li jinzel ghasfur fuq l-istess xbiek. Jissottometti li hija ma rat l-ebda persuna fuq il-mansab u l-unika darba li hija rat persuna/i fuq barra kien meta dawn gabru l-istess xbiek. Skont l-appellant ma jistax jinghad li ghax persuna tigbor xbiek minn mansab allura tali persuna ghandha tinstab hatja ta' nsib illegali. Skont l-appellant huwa fatt maghruf li biex wiehed ikun jista' jonsob irid ikun fil-post ghassa u jistenna sabiex meta jaslu l-ghasafar jkunu jistghu jinqabdu fix-xbiek. Burrows pero' ma rat lil hadd barra hdejn ix-xbiek, u x'hin rat lil xi hadd dan kien jew qieghed jigbor il-gabjetti jew inkella jigbor ix-xbiek.

In oltre, l-appellant jissottometti li anke jekk wiehed ikollu ghall-grazzja tal-argument jaccetta l-fatt li kien hemm mansab armat fi stagun maghluq, dan il-fatt wahdu ma jfissirx allura li l-appellant ghandu awtomatikament jinstab hati ta' insib fi stagun maghluq. Fir-rigward ta' mansab armat fi stagun maghluq, fin-nuqqas ta' prova li kien hemm persuna li kienet qed tonsob, tezisti akkuza ad hoc taht il-legislazzjoni sussidjarja 549.93 izda mhux l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellant. L-appellant jghid li l-legislatur jaghmel distinzjoni bejn li persuna tkun qieghda tonsob jew persuna 'stand by' biex kif jasal l-ghasfur tonsbu komparat ma' xbiek li jkunu mifruxa fi stagun maghluq. Fl-ewwel lok din il-Qorti tissottolinea li l-Legislazzjoni Sussidjarja 549.93 intitolata '*Regolamenti dwar qafas biex tiġi permessa deroga li tiftaħ l-istaġun fil-ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana*' giet revokata bl-Avviz Legali 383 tal-2018.

Din il-Qorti sabiex tqis jekk din l-akkuza giet ippruvata fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni, sejra tibda billi taghmel referenza ghal dak li Fiona Burrows xehdet quddiem din il-Qorti fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019). Hija xehdet li '*At 4.45pm I noticed that there was an active trapping site for finches. There*

*were nets set up and there were also cage decoys and electronic callers for finches were heard'* Spjegat li '*I saw it was an active site and the cage decoys were out on the trap next to the nets and also electronic callers for finches was coming from that site.*' Spjegat li '*Just after 5.00 pm, somebody exited the trapping site and went on the trpping site and began removing the cage decoys of finches and this person was this one on the right. He began removing the cage decoys.*' Dan b'referenza ghal Carmel Xerri. Qalet li '*at that point he went to remove the cage decoys from the trapping site ...*' Dwar dak li rat qabel ma s-Sur Xerri hareg inehhi il-gabjetti qalet '*It was an active trapping site, the strings were set up, the cage decoys were up at the trapping site, the wire was leading to the trapping hide ...*' Lis-Sur Xerri ratu '*Collecting cage decoys, all of the cage decoys took them back into the hide ...*' Spjegat ukoll b'referenza ghall-appellant Luciano Mirabitur li '*Then after a few minutes a second person on the left here and he had a mask on his face it was a skull mask ...*' Spjegat li '*So he began to remove the nets from the trapping site with the... they both began taking the nets. So they took off the nets and took them inside the trapping hide ...*' Meta mistoqsija '*So Luciano came out with a skull mask on his face and do you know by any chance the clothes that he was wearing?*' wiegbet '*I do not remember, I just remember the skull mask ... so they took the nets inside and seemed to leave the nets inside the trapping hide.*'

Mill-filmat esebit, jirrizulta li kien hemm istant meta hargu zewg persuni, wiehed minnhom identifikat minn Fiona Burrows bhala Carmel Xerri li hareg wiccu mghotti bicca drapp bajda imgezwra ma wiccu u beritta fuq rasu jigbor ix-xbiek u il-gabjetti u l-persuna l-ohra l-appellant odjern Luciano Maribitur li kien liebes maskla ta' skeletru li hareg jigbor ix-xbiek. Fl-incident report mhejji minn Fiona Burrows u esebiet fil-process tal-kawza kontra Carmel Xerri, senjatament a fol 28 gie imnizzel is-segwenti u cioe':

'*At around 4.45PM on 31.3.17 myself (Fiona Burrows) and two volunteers noticed an active trapping site for fiches in the Fomm ir Rih valley. Nets were set up and caged decoys were visible, finch callers could also be heard. It was not possible to see inside the hide from that angle.*

*After phoning the police I instructed the volunteers to walk to a meeting point for the ALE to find them.*

*Just after 5PM a man exited the hide (Suspect 2) and began collecting the caged finch decoys from the trapping site. He was hiding his face with a white rag. He took the caged finches inside the hide.*

*At 5.05PM Suspect 1 and Suspect 2 (wearing a balaclava and a skull mask) exited the hide and dismantled and removed the nets from the trapping site. Suspect 3 was seen inside an adjacent hide looking at me with binoculars. He then went outside the hide and was watching me again.*

*At 5:17PM the three men left the trapping site, having left the caged decoys inside the hide. Suspect 2 was carrying a small backpack. The men walked through fileds to the road, I began walking along the road in hopes of identifying their vehicles. They saw me and split up as I walked by them. I stayed along the cliffs and after a few minutes I saw Suspect 1 drive by (Car details above), soon after Suspect 3 drove by with Suspect 2 as passenger (details above).*
*I called ALE around 5.30PM to cancel their patrol as the suspects had already packed up and left.*
*Only I saw the actions of the suspects and vehicles as Marianne was waiting for ALE out of view.'*

Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra jekk dan huwa ikkunsidrat bhala tehid jew li l-appellant prova jiehu b'xi mezz xi ghasfur. Il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 tiddefinixxi "tieħu" u "teħid" bhala li '*tfisser l-insib ta' għasafar selvaġġi, skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;*'. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Karol Spiteri'**[26] gie kkunsidrat li:

'*7. Ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni kienet ċerta Fiona Burrows. Hi xehdet li fis-27 ta' Lulju 2012 kienet qed taħdem mal-BirdLife u għall-ħabta tat-3.10 p.m., hi u żewġ voluntiera nnutaw li kien hemm "an active trapping site" ħdejn Marsaxlokk viċin il-fabbrika tan-nar taż-Zejtun. Qalet li kien hemm bird-callers elettroniċi li setgħu jisimgħu. Minn teleskopju*

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Jannar, 2016 (Appell Numru: 423/13 DS)

*setgħu jaraw li kien hemm xbieki ma' l-art. Skond ix-xhud, in-nies li kien hemm fuq is-sit rawhom u bdew jippakkjaw kollox, ineħħu l-ixbieki, jgħattu l-gaġeġ bl-għasafar, idaħħlu għasafar ġewwa. Hija ċemplet il-Pulizija li, pero`, waslu wara li kienu tneħħew l-ixbieki. Mistoqsija jekk rathomx jaqbdu għasafar, ix-xhud wieġbet li le iżda osservaw speċje waħda protetta tiddaħħal fid-dura. Qalet ukoll: "I saw the man actually setting the nets."*

*8. Din il-Qorti eżaminat id-dvd esebit u li jikkontjeni numru ta' videos u ritratti ta' dak allegatament osservat mill-membri tal-BirdLife. Mill-video footage ma jidher ħadd "setting the nets". Quddiem l-ewwel Qorti ġie ppreżentat rapport tal-BirdLife Malta. Minn dan ir-rapport u kif anke kkonfermat Fiona Burrows stess, huma waslu fuq il-post għall-ħabta tat-3.10 p.m. Skond l-imsemmi rapport, żewġ minuti wara, wieħed mit-tlett irġiel li kienu fuq is-sit beda jdaħħal affarijiet fid-dura. Fil-fatt mill-video footage jidhru dawn l-irġiel idaħħlu xi affarijiet mhux identifikabbli kif ukoll xi xbieki. Jekk dawn bdew idaħħlu l- affarijiet għax raw lill-membri tal-BirdLife jew għal xi raġuni oħra ma jistax jiġi determinat. Ħin minnhom xi ħadd jinstema' jesklama (leħen ta' raġel) li wieħed mill-irġiel kien qiegħed idaħħal wader u li dan kien mejjet. Fir-rapport ġie ndikat li dan kien Nimrod Mifsud (mhux Fiona Burrows), u li dan seta' jixhed fil-Qorti, iżda dan ix-xhud ma ġiex prodott mill-prosekuzzjoni. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi min jonsob, jaqbad l-għasafar ħajjin. Ta'min jgħid ukoll illi, għalkemm ix-xhud qalet li setgħu jinstemgħu electronic bird callers, minn dan ma jissemma xejn fir-rapport, u fil-filmati ma jinstema' xejn.*

*9. Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx lil Fiona Burrows li l-appellat kien wieħed mit-tlett irġiel li kienu fuq is-sit nhar-is 27 ta' Lulju 2012. Iżda m'hemm l-ebda prova li kien qiegħed isir active trapping.*'

L-istess gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Josef Micallef'**[27] u '**Il-Pulizija v. Matthew Degabriele'**[28] fejn intqal li '*Ir-rwol tal-prosekuzzjoni hu li tipprova l-każ tagħha mingħajr dubju raġjonevoli. Ma jistax jingħad illi f'dan il-każ ma jeżistix dan id-dubju. Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali ma jimmeritax akkoljiment.*'

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Jannar, 2016 (Appell Numru: 431/13 DS)
[28] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Jannar, 2016 (Appell Numru: 430/13 DS)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. John Vella'**[29] gie kkunsidrat:

'*Fuq mistoqsija li ghamlet il-Qorti lix-xhud Fiona Burrows dwar l- osservazzjoni taghha u l-filmat li tat lill-pulizija jekk kienx hemm active trapping, hija wiegbet li le spjegat li s-site kienet active ghax kien hemm l-oggetti marbuta mal-insib imma ma rat l-ebda insib ghaddej "not actually catching."*'

Fiona Burrows ikkonfermat li kien hemm ix-xbieki u caged decoys u li rat iz-zewg irgiel jigbru l-caged finch decoys u x-xbieki. Xehdet li kien hemm anke '*electronic callers for finches were heard*' izda l-Qorti abbazi ta' dak li din il-Qorti sejra tikkunsidra dwar it-tielet (3) u l-hames (5) imputazzjonijiet sejra tiskarta kull fejn hemm referenza ghal bird callers stante li skont din il-Qorti dan ma giex sufficentement ippruvat. Spjegat ukoll li '*the strings were set up, the cage decoys were up at the trapping site, the wire was leading to the trapping hide ...*' Jirrizulta li ma kienx hemm l-'*actual catching*' tal-ghasafar, izda kien hemm preparazzjonijiet ossia il-caged decoys u x-xbiek u ghalhekk din il-Qorti trid tikkunsidra jekk dan huwiex ikunsidrat bhala li l-appellant prova jiehu b'xi mezz xi ghasfur. L-Avukat Generali jghid li kien hemm anke l-element uman stante li l-persuni ma kienux il-boghod mis-sit filwaqt li d-difiza tissottometta li biex wiehed ikun jista' jonsob irid ikun fil-post ghassa u jistenna sabiex meta jaslu l-ghasafar jkunu jistghu jinqabdu fix-xbiek. Tissottometti li Burrows ma rat lil hadd barra hdejn ix-xbiek.

Fis-sentenza **'Il-Pulizija v. Paul Grech u Carmel Farrugia'**[30] gie kkunsidrat:

'*Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-deposizzjonijiet moghtija quddiemha mid-diversi xhieda, u kellha anke l-opportunita` li tiehu in konsiderazzjoni il-komportament ta' kull xhud fuq il-pedana. Mill-kumpless tal-provi jirrizulta li fis-27 ta' Novembru 2006, meta allura l-insib ghall-pluviera ma kienx permess – irid jinghad, pero`, li in segwitu l-ligi giet emendata proprju biex dan it-tip ta' ghasfur ikun jista' jinqabad bix-xbiek – l-appellat Paul Grech kien fil-post fejn hu u membri tal-familja tieghu kienu jarmaw ghall-insib. Fil-fatt kien hemm kollox lest u mhejji ghall-insib tal-pluviera, fosthom ghasafar ta' dan it-tip fil-gabjetti biex*

[29] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Jannar, 2019 (Numru: 401/2018)
[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Awissu, 2008 (Appell numru: 199/07)

*ikunu jistghu jigu wzati bhala decoys. Kien hemm anke x-xbiek, li kienu ta' kobor aktar minn dak li tippermetti l-ligi, li kien lest u mifrux. L-appellat Grech u x-xhud in difeza Joseph Perici Calascione*[31] *jghidu li dan Grech ma kienx qed jonsob ghax f'ebda hin ma kien bil-qeghda fuq l-hekk imsejha "gebla" bil-gbid f'idu. Pero`, kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' P.S. Adelon Spiteri, l-imsemmi Grech dejjem assuma responsabbilta` ghall-mansab in kwistjoni fejn huwa instab mill-pulizja fis-27 ta' Novembru 2006. Mill-provi jirrizulta wkoll li hu kien ilu hemm mill-anqas qrib saghtejn. Issa, kif gie aktar minn darba ritenut minn din il-Qorti, l-espressjoni "tipprova tiehu" fil-kuntest tar-regolamenti dwar il-kacca u l-insib, ma tirreferix ghan-nozzjoni tat-tentattiv fil-Kodici Krminali. Huwa bizzejjed biex persuna tkun qed "tipprova tiehu" ghasfur li hija jkollha lest l-apparat mehtieg u tkun qed tistenna biex, appena jitfacca l-ghasfur, dan ikun jista' jigi attirat biex jinqabad bix-xbiek. Fi kliem iehor, anke jekk ma jitfacca ebda ghasfur papabbli ghan-nasba, izda jkun hemm apparat sufficjenti ghall-insib – u f'dan il-kaz, ghall-insib ta' speci partikolari ta' ghasfur, cioe` pluviera – dik il-persuna tkun qed "tipprova tiehu". Issir referenza f'dan is-sens ghas-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Vella**, 1/9/1995 u **Il-Pulizija v. Joseph Cini**, 15/7/2005. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubju li effettivament Paul Grech kien qed jonsob (cioe` "jippruva jiehu") ghall-pluviera, u dan meta huwa kien jaf li tali ghasfur ma setax jonsob ghalih u, per di piu` bi xbiek li kienu kontra l-ligi.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Joseph Cini'**[32] gie kkunsidrat li:

'*Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa d-deposizzjonijiet kollha, hi sodisfatta li dan il-fatt gie ppruvat skond il-ligi, u dan senjatament bid-deposizzjoni tas-Surgent Attard. Infatti jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-appellant kien diga hejja apparat bizzejjed biex dak li jkun ikun jista' jaqbad l-ghasfur kif appena jigi vicin id-decoy. Huwa veru li jirrizulta li ma kienx ghadu thejja l-"armar" kollu (kien ghad baqa' xi ghasafar fil-vettura li l-appellant kien mar biha fuq il-post), izda, kif inghad, kien hemm xbieki bil-lasti lesti li kienu sufficjenti biex almenu jinqabad ghasfur wiehed. Inoltre, kif jirrizulta kemm mid-deposizzjoni ta' l- imsemmi Surgent kif ukoll minn dik tal-Kuntistabbli, meta l-appellant gie mgharraf kemm kienet il-multa li normalment wiehed jehel talli jkun qed jonsob minghajr licenzja, huwa wiegeb fis-sens li allura kien ser jibqa' jonsob – indikazzjoni cara li anke l-appellant stess kien iqis lilu*

[31] Id-deposizzjoni ta' Carmel Farrugia, in kwantu ko-imputat, ma taghmel ebda prova la kontra u anqas favur Paul Grech – u dan kif dejjem gie ritenut mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna in vista ta' dak li jinghad fl-Artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

[32] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Lulju, 2005 (Numru: 31/2005)

*nnifsu bhala li qed jonsob ossia jipprova jiehu ghasfur.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija kontra Anglu Briffa'</u>** [33]gie kkunsidrat li:

*'Illi mill-provi jirrisulta li meta l-pulizja, fil-gurnata u fil-hin indikati fic-citazzjoni, dahlu fl-ghalqa tal-apellat, huma sabu x-xbieki mifruxa, b'ghasafar fil-gabbjetti u tnejn ohra imbragati ghat-tahrik. L-appellat, fid-deposizzjoni tieghu, ammetta li dawk l-oggetti kienu tieghu u li kien poggihom*

*huwa/.... huwa stess hemmhekk, ghalkemm stqarr li x-xbiek normalment ihallih fl-ghalqa matul il-lejl. L-appellat, pero', jikkontendi li fil-mument li gew il-pulizija, ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, hu kien il-boghod mill-mansab b'mod li kieku dak il-hin ghadda jew nizel xi ghasfur fil-vicin dan kien jibqa sejjer jew itir qabel ma hu jilhaq jidhol fil-mansab u dan minhabba l-eta' u l-mard li jbati bih l-istess appellat u li jikkostringuh jimxi bil-mod hafna. Ix-xhud tal-prosekuzzjoni P.C. 826 Kevin Farrugia jghid li meta lemah lill-appellat dan kien xi "tlett passi l-boghod" mid-dura, pero' kompla jispjega li bi tlett passi ried ifisser li kien vicin bizzejjed dik id-dura illi kieku ghadda xi ghasfur minn dawk il-vicinanzi l-appellat kien jista' malajr jidhol jigri fid-dura u jigbed l-ispaga. Mill-banda l-ohra l-Qorti setghet tosserva li l-appellat mhux persuna li, minhabba r-ragunijiet ga imsemmija, hu alacri hafna. Ghalhekk l-abbili difensur tal-appellat ikkontenda illi fil-hin li waslu l-pulizija l-appellat ma setghax kien qed "jipprova jiehu" ("attempt to take" fit-test Ingliz) xi ghasfur, anzi jissottometti li kien hemm l-impossibilita' tal-fatt li l-appellat jiehu jew jipprova jiehu tali ghasfur. Il-Qorti, pero', tara li din is-sottomissjoni ma hix fattwalment, u minn certi aspetti anqas legalment, korretta. Apparti l-fatt li l-akkuza, ghalkemm marbuta ma hin partikolari, ma hix marbuta bil-minuti jew bis-sekondi, u ghalhekk l-espressjoni "ghall-habta tal-11.00 hrs" tinkludi dak il-ftit ta' hin li hu ragjonevoli <u>qabel</u> il-hdax ta' filghodu, l-espressjoni "tipprova tiehu", bhall-espressjoni "tipprova tikkaccja", meta si tratta ta' l-istagun <u>maghluq ghall-kacca</u>, ma tirreferix ghat-tehid jew insib (u fil-kaz tal-kacca, ghall-kacca) ta' xi ghasfur partikolari cioe' ta' xi speci jew tip ta' ghasfur partikolari, bhalma hu il-kaz tal-istagun mhux maghluq ghat-tehid u ghall-kacca ta' l-ghasafar meta hu pprojbit li wiehed jiehu jew jipprova jiehu jew jikkaccja jew jipprova jikkaccja ghasafar ghajr dawk imsemmija fl-Iskedi I u II skond il-kaz.*

[33] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Ottubru, 1994 (Appell numru: 173/94)

*F'din it-tieni ipotesi, jigifieri barra mill-istagun maghluq ghat-tehid u ghall-kacca ta' l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, dak li jrid jigi ppruvat hu li l-akkuzat ha jew ipprova jiehu jew ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghasfur <u>li mhux wiehed minn dawk imsemmija fl-iskedi</u>. Fil-kaz in dizamina, trattandosi tal-istagun maghluq ghat-tehid u ghall-kacca ta' l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, l-insib <u>kollu</u> hu projbit (salv dak li hemm provdut fil-proviso tas-subparagrafu (c) tal-paragrafu (1) tar-Regolament 9 tal-A.L.146/93 liema proviso, pero', ma jista' qatt ikun applikabbli ghall-kaz odjern peress li d-data in kwistjoni ma taqax bejn l-10 ta' April u l-20 ta' Mejju). Mill-kumpless tal-provi u specjalment mill-mod kif kienu marbuta tnejn mill-ghasafar li instabu fuq il-post, il-Qorti hi sodisfatta li l-appellat kien qed jipprova jiehu xi ghasfur "ghall-habta tal-11.00 hrs" ghalkemm fil-mument ezatt li waslu fuq il-post il-pulizija l-imsemmi appellat seta' kien, ghalkemm fil-ghalqa, mhux qrib hafna tad-dura, anzi seta' dak il-hin ezatt kien qed jaghmel xi haga ohra. Il-Qorti tosserva wkoll li kif xehed P.S. 772 Dennis Agius, meta dan is-surgent gibed l-attenzjoni tal-appellat li kien l-istagun maghluq ghall-*

*insib/.... insib u li ghalhekk l-appellat ma setghax jonsob, l-appellat wiegbu li hu kien fl-ghalqa tieghu u li fl-ghalqa tieghu ma kien qed idejjaq lil hadd. L-appellat, ghalhekk, f'ebda hin ma cahad li kien qed jonsob hlief ghal dak il-mument ezatt meta waslu l-pulizija fuq il-post.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza deciza ricentement fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Colin Sheldon) vs Melvin Galea'</u>**[34] li kkunsidrat:

*''6. Il-provi mressqa kienu s-segwenti: B'affidavit tiegħu PS 1141 Noel Tanti jiddikjara li Fiona Burrows li taħdem mal- C.A.B.S. kienet infurmathom li kien hemm mansab armat ġewwa l-inħawi ta' Ħas –Saptan Għaxaq u riedet turihom eżatti fejn kien qiegħed. Meta waslu fuq il-post huwa sab mansab armat fuq għadira ilma u meta daħal ġewwa sab lil Melvin Galea rieqed. Huwa infurmah li l-mansab kien tiegħu u ma żarmahx għax ma kellux ċans. PS 1141 iċċekja jekk kienx hemm bird caller imma rriżulta fin-negattiv u talbu biex ifaqqa' u jżarma l- mansab. Is-sur Galea faqqa l-molla tal-mansab mill-kamra fejn kien rieqed u żarma x-xibka;*

*7. PC 451 A Bugeja, jikkonferma fl-affdavit tiegħu li kienu iltaqgħu ma' Fiona Burrows fl-*

[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Jannar, 2019 (Appell Nru. 151/2016)

*area u kienu sabu l-mansab u f'kamra ma' ġenb il-mansab kienu sabu lil Galea rieqed. Fiona Burrows xehdet quddiem din il-Qorti li hija ma ratx persuna tonsob, kull ma setgħet tara kif jirriżulta mir-ritratti esebiti huwa l-mansab armat. Hija tiddeskrivi x-xbieki miftuħin, b'decoy t'għasfur biex jattira għasafar oħra u għasfur ieħor ħaj fil-viċin.*

*8. Mill-affidavit ta' PS 1141 Noel Tanti jirriżulta li s-Sur Galea faqqa' l-mansab mill-kamra fejn kien rieqed, iġifieri ħaġa li seta' jagħmilha faċilment sew qabel u x-xogħol tiegħu ma kien qed ikun ta' ebda ostaklu biex iżarma kollox. Jidher ċar li għalkemm ma nstabux bird callers kif jirriżulta mill-affidavit ta' PS 1141 Noel Tanti, l-intenzjoni tas-Sur Galea kienet li jonsob, il-mansab kien armat u kellu kemm decoys tal-plastik u kif ukoll ħajjin biex jattiraw għasafar oħra. Ir-regolament 2 tal-L.S 504.71 jipprovdi li "tieħu" u "teħid" tfisser li tieħu mis-selvaġġ skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Fis- sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija –vs- Paul Grech u Carmel Farrugia*[35]*, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi:-*

*"kif ġie aktar minn darba ritenut minn din il-Qorti, l- espressjoni "tipprova tieħu" fil-kuntest tar-regolamenti dwar il-kaċċa u l-insib, ma tirreferix għan-nozzjoni tat- tentattiv fil-Kodiċi Kriminali. Huwa biżżejjed biex persuna tkun qed "tipprova tieħu" għasfur li hija jkollha lest l- apparat meħtieġ u tkun qed tistenna biex, appena jitfaċċa l-għasfur, dan ikun jista' jiġi attirat biex jinqabad bix- xbiek. Fi kliem ieħor, anke jekk ma jitfaċċa ebda għasfur papabbli għan-nasba, iżda jkun hemm apparat suffiċjenti għall-insib – u f'dan il-każ, għall-insib ta' speċi partikolari ta' għasfur, cioe' pluviera – dik il-persuna tkun qed tipprova tieħu". Issir referenza f'dan is-sens għas-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija –vs- Joseph Vella, 1/9/1995 u Il-Pulizija –vs- Joseph Cini, 15/7/2005."'*

Din il-Qorti ssib li l-proesekuzzjoni kemm abbazi tax-xhieda moghtija minn Fiona Burrows u mill-filmat esebit, irnexxielha tiprova din l-imputazzjoni fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Il-prezenza tax-xbiek mifruxa, tal-gabjetti b'ghasafar hajja fuq dawn ix-xbiek u l-fatt li z-zewg irgiel hargu wicchom mghammad minn kamra li taghti direttament ghal fejn kien hemm ix-xbiek u l-gabjetta sabiex jigbru kemm ix-xbiek u l-gabjetti jikkonferma li l-apparat kien intiz ghat-tehid tal-ghasafar. In oltre, minkejja li mill-filmati ma jirrizultawx persuni

[35] Deċiza 25 ta' Awwissu 2008 (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

ghassa ma gemb ix-xibka lesti sabiex jinqabad jew jinqabdu l-ghasafar, dan ma jfissirx li l-element uman kien nieqes u dan stante li l-kamra kienet vicin ferm fejn kienu jinstabu x-xbieki.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni imputazzjoni taqra li '*Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadt jew pruvajt tiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenza li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4 (1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

Ir-regolament 4(1)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 jaqra:
'*4 (1) Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'għandha:*
*(a) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenza li tingħata taħtha;*'

B'differenza mill-ewwel (1) imputazzjoni, din l-imputazzjoni ma tirreferiex ghal meta l-istagun ghat-tehid tal-ghasafar ikun maghluq, izda ghal ghasafar li huma protetti. L-Avukat difensur fit-trattazzjoni ssottomettiet li l-kelma '*protett*' f'din l-akkuza ma tfissirx li l-ghasfur huwa wiehed mill-ghasafar protetti f'kwalunkwe zmien tas-sena izda li l-ghasfur huwa kkunsidrat bhala protett peress li fiz-zmien in kwistjoni la darba l-istagun kien maghluq, l-ghasfur ma setghax jinqabad u ghalhekk huwa protett. Fil-fatt ir-regolament 4(1) citat hawn fuq jaqra senjatament li '*Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod natruali hija protetta.*' Ghalhekk tenut kont ta' dak ikkunsidrat dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqis li din it-tieni (2) imputazzjoni giet ippruvata ukoll.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet imputazzjoni taqra '*Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uzajt xi gass, jew apparat elettriku jew elettroniku, u cioe'* *tisfir irrekordjat minn qabel tal-ghasafar u dan bi ksur tar-Regolament 7 (1)(d) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;*'

Fir-rapport ppreparat minn Fiona Burrows prezentat fil-process tal-kawza kontra Carmel Xerri hija ddikjarat li '*finch callers could also be heard.*' Filwaqt li fix-xhieda taghha moghtija quddiem din il-Qorti fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) spjegat li '*There were nets set up and there were also cage decoys and electronic callers for finches were heard ...*' Spjegat '*So I saw it was an active site and the cage decoys were out on the trap next to the nets and also electronic callers for finches was coming from that site.*' Meta mistoqsija '*And how can you tell us ... why are you saying that there were electonic callers for finches? How did you come with that conclusion?*' wiegbet '*The sound of the callers are very loud, it is a very artificial sound. It is a constant calling of a bird which is very unnatural for a wild bird to make that sound.*' Mistoqsija '*So how did you come to the conclusion that there was bird callers?*' wiegbet '*Because that was the directions that callers wwere heard from .. from the trapping site*'. Minn naha l-ohra d-difiza targumenta li l-video audio-viziv ma jinstemghax il-bird caller.

Din il-Qorti tqis li mill-filmati esebiti, wiehed ma jistax jiddetermina jekk it-tisfir tal-ghasafar huwiex mill-bird caller, ghalkemm jirrizulta mill-filmat bin-numru 00012 l-appellant Luciano Mirabitur li dak il-hin kellu wiccu mghammad permezz ta' maskla jigbor bhal apparat b'qies ta' telefon cellulari minn mal-art. Minkejja dan, din il-Qorti ma tistax issib li gie ippruvat b'mod sufficenti li kien qiegehd jintuza apparat elettroniku ossia bird caller u li dan kien qieghed jintuza mill-appellant fis-sit in kwistjoni. Jibqa' l-fatt li l-Pulizija baqghu ma marux fuq il-post u baqa ma gie elevat l-ebda bird caller. Ghalhekk din il-Qorti rinfaccata b'dan id-dubju ma tistax issib htija ta' din it-tielet (3) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' imputazzjoni taqra li '*Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccjat jew ippruvajt tikkaccja, hadt jew ipprovajt tiehu xi ghasfur billi wzajt lixki ta' ghasafar*

*protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1)(i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Ir-rapport redatt minn Fiona Burrows u li jinsab fil-process tal-kawza kontra Carmel Xerri, jipprovdi li '*caged decoys were visible*'. Fix-xhieda taghha moghtija quddiem din il-Qorti fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) spjegat li kien hemm '*cage decoys*'. Jirrizulta mill-filmat '00011' persuna li qieghda tigbor gabjetti b'ghasafar hajjien fihom, li din il-Qorti qieghda tifhem li Fiona Burrows kienet qieghda tirreferi ghalihom bhala 'caged decoys'.

Illi ghalkemm jirrizulta li kien hemm numru ta' ghasafar f'gabjetti u li dawn huma komunament riferuti bhala '*caged decoys*', l-imputazzjoni tipprojbixxi lixki ta' ghasafar protetti. L-appellant fl-appell tieghu ma jidholx fil-kwistjoni dwar jekk il-lixki kienux ghasafar li kienu protetti jew le. Gialadarba l-Pulizija ma marrux fuq il-post u ma gew elevati l-ebda lixki, ma jistax jigi determinat jekk l-ghasafar uzati bhala lixki kienux 'protetti' kif indikat fl-imputazzjoni jew le. Ghalhekk din ir-raba' (4) imputazzjoni ma tistax tissustixxi.

Ikkunsidrat;

Illi l-hames (5) imputazzjoni taqra '*Aktar talli fl-istess data, hin, lok, waqt li kont qed tonsob, kellek fil-pussess tieghek bird caller u dan bi ksur tar-Regolament 7 (2) tal- AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;'*

Ir-regolament 7(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 jaqra li:

'*Ebda persuna m'għandha tbiegħ, toffri għall-bejgħ, tesebixxi għall-bejgħ, tuża jew iżżomm kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa pprojbit taħt is-subregolament (1):*
*Iżda mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' xi disposizzjonijiet oħra f'xi ligi li hija fis-seħħ f'Malta, dan it-tip ta' apparat imsemmi fis-subregolament (1) jista' jintuza għal skopijiet oħra barra minn kif imsemmi f'dawn ir-regolamenti sakemm il-*

*bejgħ, offerta għall-bejgħ, esibizzjoni għall-bejgħ, iz-zamma ta' xi apparat ma jkunx projbit biss skond dan ir-regolament.*'

Din il-Qorti qieghda tifhem li l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant b'din l-imputazzjoni minhabba l-allegat uzu tal-bird caller u cioe' kif tiprovdi l-imputazzjoni li kellu fil-pussess tieghu bird caller. Din il-Qorti, tenut kont ta' dak ikkunsidrat dwar it-tielet (3) imputazzjoni, ma tistax issib htija ta' din il-hames (5) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi s-sitt (6) imputazzjoni taqra '*Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkonfoffajt jew ittantajt, ghint, hajjart, tajt pariri jew flus lil xi haddiehor, biex jikser xi disposizzjonijiet bhal dawk<u>, jew ksirt</u> xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur tar-Regolament 27 (1)(d) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Skont ir-regolament 27(1)(d) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 tkun hatja ta' reat taht dawn ir-regolamenti persuna:

'*li tikkonfoffa jew tittanta, jew tgħin, tħajjar, tagħti pariri jew flus lil xi ħaddieħor biex jikser xi disposizzjonijiet bħal dawk (inkluża ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta'dawn ir-regolamenti), <u>jew biex tikser</u> xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti,*'

Ghalhekk minkejja li l-imputazzjoni tipprovdi *jew ksirt xi restrizzjoni*', ir-regolament jirrelata mar-reat li persuna jikkonfoffa jew tittanta, jew tghin, thajjar, taghti pariri jew flus lil xi hadd iehor biex jikser xi disposizzjonijiet bhal dawk (inkluza ordni legittimament moghtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti) <u>jew biex tikser</u> xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti. Ghalhekk ir-reat jissusitixxi jekk persuna tikkonfoffa jew anke fil-minimu tittanta jew tghin il-ksur ta' regolament.

Fl-appell tieghu, l-appellant jissottometti li lanqas ma jirrizultaw l-elementi materjali indikati fis-sitt (6) imputazzjoni in kwantu ma hemm l-ebda prova zghira kemm hi zghira li l-appellant b'xi mod hajjar jew ittanta lil xi hadd biex jikser xi wahda mir-regolamenti in kwistjoni. Skont l-appellant is-semplici fatt li fuq is-sit ikollok izjed minn persuna wahda ma jfissirx li allura jezistu l-elementi tar-reat indikat fis-sitt (6) imputazzjoni. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant dwar dan, jirrizulta li Luciano Mirabitur kien partecipi fil-ksur tar-regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta, tant li wara li ngabru l-gabjetti b'ghasafar minn Carmel Xerri, huwa flimkien ma' Carmel Xerri gabar ix-xbiek. Din il-Qorti qieghda ghalhekk issib lill-appellant hati ta' din is-sitt (6) imputazzjoni ukoll.

Ikkunsidrat;

Illi gialadarba l-appellant gie mill-Ewwel Qorti liberat mis-seba' (7) imputazzjoni li taqra ' *Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f' lok pubbliku, ilbist maskra jew biddilt is-sura tiegħek, barra minn fiż-żmien u bil-mod li tippermetti l-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (n) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*', din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-appellant fl-appell tieghu minghajr pregudizzju dwar il-mertu, issottometta li f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-appellant u tikkonferma l-htija, l-piena ghandha tkun wahda iktar miti skond ic-cirkostanzi tal-kaz, b'dan li tqarreb iktar lejn il-minimu tal-piena kontemplat fil-ligi.

Illi l-Ewwel Qorti kienet fis-sentenza appellata ikkundannat lill-appellant ghal multa ta' elf u sitt mitt ewro (€1600) kif ukoll ordnat is-sospenzjoni tal-licenzji ghal tlett (3) snin u dan wara li sabet lill-appellant hati tal-ewwel sitt imputazzjonijiet. Ghalhekk gialadarba, din il-Qorti sejra tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tat-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni u sejra tilliberah minnhom izda sejra

tikkonferma l-htija tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni u l-liberazzjoni tas-seba' (7) imputazzjoni, sejra ghalhekk tnaqqas il-multa imposta.

L-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti issottometta li huwa qieghed jirrimettu ruhu dwar is-sospenzjoni tal-licenzja. Din il-Qorti izda taghmilha cara li gialadarba kienet qieghda tinstab htija ukoll taht ir-regolamenti 4(1)(a) u 18(1)(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42, is-sospenzjoni tal-licenzja hija tassattiva u ghalhekk hija kostretta *ai termini* tar-Regolament 27(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 li tordna s-sospenzjoni tal-licenzja u permess. Filfatt f'kaz tal-ewwel (1) kundanna ghal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn (2) u mhux aktar minn hames (5) snin. Filwaqt li taht ir-regolament 27(2)(b) meta tinstab hati ghat-tieni darba jew aktar apparti l-multi u/jew prigunerija li dan ir-regolament jistabbilixi, il-Qorti ghandha wkoll tordna r-revoka permanenti ta' kull licenzja jew permess, mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Malta. Skont ma jirrizulta mill-fedina penali, l-appellant kien instab hati ta' ksur ta' regolamenti rigwardanti l-insib u l-kacca, senjatament tar-regolament 7(1)(d), 7(2) tal-Avviz Legali 79/2006 fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u kontra l-artikolu 5(1) tal-Avviz Legli 79/2006 fid-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) izda ma jirrizultax li kien instab hati ta' reat kontra r-regolamenti 4, 6, 18, 19, 21 u 24 li jissemmew fir-regolament 27(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42. Jirrizulta li quddiem l-Ewwel Qorti ma gewx prezentati s-sentenzi bil-konnotati tal-apellant li jikkonfermaw li l-appellant kien misjub hati ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti u sabiex jigi stabbilit b'certezza ta' liema regolamenti kien instab hati. Ghalhekk gialadarba ma jirrizultax li l-appellant kien gia instab hati ta' reati kontra r-regolamenti 4,6,18,19,21 u 24, il-Qorti hija obbligata sabiex tordna s-sospenzjoni tal-licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal zmien bejn sentejn (2) u hames (5) snin. Ghalhekk stante li din il-Qorti qieghda tirrevoka uhud mill-htija misjuba mill-Ewwel Qorti, sejra tnaqqas ukoll is-sospensjoni minn tlett (3) snin ghal zmien sentejn (2) mil-lum u sejra tirrevoka l-ordni ghal hlas ta' multa minn elf u sitt mitt ewro (€1600) u minflokk tordna l-hlas ta' multa ta' elf u mitt ewro (€1100).

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma fejn illiberat lill-appellant mis-seba' (7) imputazzjoni u fejn sabet htija tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni, thassar u tirrevoka fejn sabet htija tat-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni u konsewentement tillibera lill-appellant minnhom u filwaqt li thassar u tirrevoka fejn ordnat is-sospenzjoni tal-licenzji ghal zmien tlett (3) snin u l-hlas ta' multa ta' elf u sitt mitt ewro (€1600), qieghda minflokk tordna s-sospensjoni tal-licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal zmien sentejn (2) mill-lum u tordna il-hlas ta' multa ta' elf u mitt ewro (€1100).

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur